# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2705

**Kaz Numru 3201/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Deborah Anne sive Debbie Madiona**

**u**

**Education Limited**

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum 2 ta' Frar, 2021

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikorsipprezentat mill-Avukat Ian Spiteri Bailey ghan-nom tar-rikorrenti, Deborah, sive Debbie Madiona, fir-Registru Superjuri, fit-12 ta' Frar, 2014. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li t-tkeccija taghha kienet ingusta u dan peress li r-raguni moghtija u ddikjarata mis-socjeta` ntimata hija '*circumstances beyond employers' control*' kif ukoll talbet li tigi likwidata somma spettanti lir-rikorrenti bhala danni ghat-tkeccija ngusta li hi ssubixxiet.

Illi mill-banda l-ohra s-socejta` ntimata, Education Ltd, sostniet li t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm erbatax-il seduta (14) b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkiem mad-diversi dokumenti pprezentati.

Di piu', saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjnijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bdil fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti.

Illi, r-rikorrenti kien rapprezentata mill-Avukat Ian Spiteri Bailey, mentri s-socjeta` ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat Paul Gonzi.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kwistjoni tax-Xoghol in dezamina.

Illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta` ntimata fl-14 t'Ottubru, 2008, bhala *Direct Marketing Executive* fuq bazi *full-time* mas-socjeta` ntimata u dan kif jirrizulta mid-dokument tal-ETC esebit mar-rikors promotur kif kienet maghrufa f'dak il-perjodu din il-korporazzjoni u li llum il-gurnata hija maghrufa bhala *Jobs Plus*. Ir-rikorrenti giet itterminata mill-impieg taghha fl-20 ta' Novembru 2013 fejn ir-raguni moghtija ghal din it-terminazzjoni kienet '*circumstances beyond employers' control'*.

Ir-rikorrenti fir-rikors taghha ssostni li r-raguni mhux valida, tajba, u sufficjenti fil-ligi, u li s-socjeta` ntimata ma kellha qatt ragun li tittermina l-impieg taghha. In oltre, l-agir tas-socjeta` ntimata jikkostitwixxi mhux biss tkeccija ngusta izda ukoll *wrongful dismissal*. Ir-rikorrenti ntavolat dan ir-rikors ai termini ta' Artikolu 75 tal-Att XXII tat-2002.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti tablet lil dan it-Tribunal sabiex jiehu konjizzjoni tar-rikors taghha, jisma' l-provi kollha, u jiddeciedi l-kawza li qed taghmel l-istess rikorrenti. In oltre, f'kaz li r-rikorrenti jkollha ragun jigi ffissat kumpens xieraq u gust.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha, r-rikorrenti spjegat kif hi kienet bdiet tahdem mas-socjeta` ntimata fl-1 ta' Jannar 2007 fuq kuntratt ta' xoghol indefinit. Ir-rikorrenti ddikjarat li fit-23 t' Awwissu 2013 hi kellha tidhol l-isptar sabiex taghmel operazzjoni tal-ftuq u li kollox kien mar sew, u l-ghada kienet intbghatet lura d-dar. Wara li marret sabiex taqta' l-punti xi ghaxart ijiem wara gewwa l-Poliklinika tal-Gzira kienu nqaghlu xi kumplikazzjonjiet.

Dawn il-kumplikazzjonjiet baqghu jippersisitu u r-rikorrenti kellha terga' tidhol l-isptar peress li kellha nfezzjoni fil-punti. Ir-rikorrenti kellha terga' tidhol l-isptar fejn l-ferita regghat infethet u tnaddfet mill-Professur Laferla, u in oltre kienet inghatat xi antibiotici u tpoggiet fuq *VAC machine*[1].

Ir-rikorrenti kienet iltaghqet ma' Maryse Gatt u Luisa Sammut sabiex tekllimhom dwar is-sitwazzjoni tax-xoghol, izda dawn ma kienux hadu pjacir li kellha tahdem b'din il-magna. Dawn kienu qalu lir-rikorrenti sabiex tkellimhom meta tkun irkuprat. Ir-rikorrenti qalet li l-medicina li kienet tiehu ma qablitx maghha u kienet nizzlitilha l-pressjonji u minhabba f'hekk kelha tidhol l-isptar fejn damet gimghatejn ohra mis-7 t'Ottubru sad-19 t'Ottubru 2013.

Ir-rikorrenti kellha appuntament l-*outpatients* ta' Mater Dei fejn irceviet telefonta minghand Luisa Sammut sabiex tkun taf meta kienet se tirritorna ghax-xoghol. Meta r-rikorrenti qaltilha li kellha bzonn aktar zmien sabiex tirkupra din kienet irrabjat hafna u riedet li tidhol ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara. Ir-rikorrenti wara din it-telefonata ma' Luisa Sammut cemplet lil Maryse Gatt sabiex tmur tkellimha d-dar, izda peress li kienet skonvolta kien dahal ir-ragel tar-rikorrenti ikellem lil Maryse Gatt u r-rikorrenti baqghet barra fil-vettura tistenna lil zewgha. Kien ukoll mar

[1] Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti, Deborah, sive Debbie, Madiona, pagna 1.

it-Tabib tas-socjeta` ntimata, Dr. Tonna jinvista lir-rikorrenti u dan kien tal-opinjoni li l-ferita li kellha r-rikorrenti kienet ghadha miftuha u ghalhekk li kien taha gimghatejn ohra *sick leave*[2].

Dan it-tabib kien rega' zar lir-rikorrenti fl-24 u fit-30 t'Ottubru 2013 izda ma kienx ezamina lir-rikorrenti, imma kien qal lir-ragel taghha biex inehhi d-*dressing* biex jara l-ferita. Kien ra ukoll ir-rizultati tad-demm ghax kienet hekk qaltlilha biex taghmel Maryse Gatt u li dawn ir-rizultati kienu tajbin. Mill-banda l-ohra kemm it-tabib tar-rikorrenti, Dr. Christopher Mercieca, kemm in-*nurse* u kemm mit-*Tissue Viability Unit* kollha kienu qalu lir-rikorrenti li jekk kienet thossha tajba setghet tirritorna ghax-xoghol.

Ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni tghid li fis-7 ta' Novembru 2013, Maryse Gatt u Luisa Sammut kienu nfurmawha li setghu joffrulha kuntratt ta' xoghol fuq bazi *part-time*, u dan peress li riedu jibdlu xi affarijiet u riedu jimpjegaw aktar nies. Kienu riedu lir-rikorrenti li tahdem erba' sieghat ghax dan kien fl-interess taghha. Ir-rikorrenti ma ffirmatx il-kuntratt li kienet inghatat izda kienet saqsiet biss meta kienet se tibda tahdem. Maryse Gatt kienet baghtet kopja tal-kuntratt biex ir-rikorrenti tiddiskutih ma' zewgha. Maryse Gatt kienet ukoll talbet certifikat mediku lir-rikorrenti li kien jikkonferma li kienet tajba ghax-xoghol[3].

Ir-rikorrenti kienet saqsiet dwar il-pozizzjoni taghha lid-Dipartiment (DIER) u kienet infurmatha li dan kien illegali u li kellha terga' tinghata l-impieg li kellha qabel, u cioe` dak ta' *full-time*. Ir-rikorrenti kienet infurmat b'dan kollu lis-socjeta` ntimata, u cioe` li ma kinietx se tiffirma dan il-kuntratt, peress li kienet se titlef id-drittijiet taghha bhala mpjegata *full-time*. Maryse Gatt kienet irrabjat u kienet qalet lir-rikorrenti li kieku kienet taf ma kinietx idahhalha fl-uficcju.

Ir-rikorrenti kellha toqghod f'kamra wahediha u kienet maqtugha mill-impjegati l-ohra. Wara laqgha li kienet saret, ir-rikorrenti kienet mitluba sabiex titlaq mill-ufficcju tas-socjeta` ntimata u minn hemm baqghet sejra d-Dipartiment sabiex tindaga dwar id-drittijiet taghha. Dakinhar filghaxija Maryse Gatt kienet infurmat lir-rikorrenti li kienet sospiza mill-impjieg taghha. Ir-rikorrenti kienet marret id-Dipartiment (DIER) fejn imliet xi formoli u giet infurmatha li l-Ispettur tad-Dipartiment (DIER) kien ser immur l-ufficcju tas-socjeta` ntimata sabiex ikellimhom[4].

Ir-rikorrenti kienet marret l-ufficcju tas-socjeta` ntimata fejn insistiet li tinghata xogholha lura, izda Maryse Gatt kienet riditha li tiffirma l-kuntratt ta' *part-timer*, u li r-rikorrenti rrifjutat li tiffirmah. Ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni taghha tghid li fl-20 ta' Novembru 2013 rceviet *email* fejn kienet infurmata li kienet tkecciet mill-impjieg taghha. Ir-rikorrenti kienet saret taf li kien mar Spettur tad-Dipartiment, Antoine Grech, ikellem lill-ufficjali tas-socjeta` ntimata. Ir-rikorrenti kienet irceviet il-*payslip* fl-ahhar tax-xahar izda kienet thallset biss ta' erba' (4) sieghat kuljum minflok tmien (8) sieghat kuljum. Ir-rikorrenti ghaddiet kopja tal-*payslip* lid-Dipartiment (DIER)[5].

---

[2] Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti, Deborah Madiona, pagna 1.
[3] Ibid.
[4] Ibid, pagna 2.
[5] Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti, Deborah Madiona, pagna 2.

Illi fir-risposta taghha u fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, l-istess socjeta` ntimata rribattiet l-allaegazzjonjiet tar-rikorrenti fejn sostniet li kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li t-terminazzjoni taghha kienet ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi kif previst fil-Kap 452[6].

Is-socjeta` ntimata tishaq li r-rikorrenti kienet taf b'dawn ir-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impieg taghha u li nghatat kull opportunita` li tiddiskuti u tikkunsidra l-istess ragunijiet qabel it-terminazzjoni tal-impieg taghha. In oltre, dawn ir-ragunijiet ghat-terminazzjoni kienu spejagti kemm verbalment u kemm fl-ittra datata 20 ta' Novembru 2013, u li hija annessa mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-istess rikorrenti.

Illi ghal dawn ir-ragunjiet moghtija, s-socjeta` ntimata rrispingiet il-pretensjonjiet maghmula mir-rikorrenti fl-intier taghhom u, in oltre, qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara t-terminazzjoni bhala gusta skont il-ligi u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma ghandha l-ebda dritt ghall-kumpens[7].

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

F'din il-kwistjoni ta' xoghol gew opprezentati diversi xhieda miz-zewg partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol. Gew opprezentati affidavit ta' Maryse Gatt u ta' Luisa Sammut ufficjali tas-socjeta ntimata, u kif ukoll xehdu in *viva voce*. Xehdu ukoll Brandon Lee Magri, *Manager* fid-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u tal-Impjiegi (DIER), ir-rikorrenti in ezami, in kontro ezami u in subizzjoni.

Fl-affidavit ta' Maryse Gatt, fil-kapacita` taghha bhala direttrici ta' Education Ltd, sostni li r-rikorrenti ghalkemm kienet inghatat kull sapport u assistenza, u dan minhabba l-problemi li kienet ghaddejja minnhom, ma kinietx apprezzat dak li kien sar maghha mis-socjeta` ntimata. Ms. Gatt tirrileva li r-rikorrenti uriet disrispett kbir lejn is-socjeta` ntimata.

Fl-affidavit taghha Maryse Gatt tghid li d-decizjoni ta' terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet ittiehdet bhala l-ahhar rimedju u dan minhabba li sehhew diversi sitwazzjonjiet negattivi da parti tar-rikorrenti u zewgha.

Ms. Gatt telenka d-diversi problemi medici li kellha r-rikorrenti matul l-impieg taghha fejn r-rikorrenti kienet dahlet l-isptar diversi drabi. Dan kollu jirrizulta mid-diversi certifikati medici li gew esebiti minn Maryse Gatt (Appendix MG 2A). In oltre, Maryse Gatt semmiet, fl-affidavit taghha, lista ta' medicina li r-rikorrenti kienet tiehu ta' kuljum u li ghaddiet lil Luisa Sammut, l-*Operations Manager* tas-socjeta` ntimata (Appendix MG 2B).[8]

Fl-istess affidavit Ms. Gatt issostni li sa dakinhar is-socjeta` ntimata kien ghadha qatt ma rceviet il-*forms* dawn ic-certifikati medici tar-rikorrenti tal-assentizmu taghha qabel it-terminazzjoni tal-

---

[6] Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, Education Ltd, pagna 1.

[7] Ibid.

[8] Affidavit Maryse Gatt, pagna 2.

impjieg mit-23 t'Awwissu 2013 sal-11 ta' Novembru 2013. Illi mir-*records* jirrizulta li r-rikorrenti kienet tbati minn diversi problemi ta' sahha u li kienu ta' sfortuna kemm ghar-rikorrenti u kemm ghal familtha. In oltre, x-xhud emfasizzat li din ir-raguni biss ma kinietx ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg taghha.

Ms. Gatt qalet li wiehed irid ihares lejn cirkostanzi aktar usa', primarjament l-attitudni tar-rikorrenti li kienet relatata ma' dawn l-assenzi fit-tul, partikolarment l-assentizmu qabel it-terminazzjoni. Ir-rikorrenti fis-sena 2013 kienet assenti mill-post tax-xoghol, minhabba li kellha tkun sottoposta ghal zewg operazzjonjiet tal-*hernia,* ghall-perjodu totali ta' 74 gurnata maqsuma fuq hdax-il xahar. F'dan il-perjodu r-rikorrenti ta' assentizmu kien imqassam fuq leave u sick leave tal-hlas kollu tal-paga (*full pay*), nofs hlas tal-paga (*half pay*) u minghajr hlas tal-paga (*unpaid*). [9]

Ix-xhud sostniet li meta kien intuza kemm il-leave kollu bi hlas u kif ukoll dak ta' nofs hlas tal-paga, s-socjeta` ntimata qatt ma kellha xi ntenzjoni li tittermina l-impieg tar-rikorrenti minhabba li kienet assenti ghall-perjodu twil u in fatti ma kinitex giet itterminata a bazi ta' hekk. Ix-xhud sahqet li s-socjeta` ntimata kienet provdiet aktar granet bla hlas bhala *leave* sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tirkupra tajjeb. Is-socjeta` ntimata kienet riedet li r-rikorrenti tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud qalet li sakemm kienu nqaghlu l-incidenti li wasslu ghat-terminazzjoni tar-rikorenti huma kienu kuntenti bir-rikorrenti.

Ix-xhud semmiet ukoll fl-affidavit taghha li bhala kumpanija kienu bdew jahsbu ghall-pjan f'kaz li r-rikorrenti ma kinietx se tirritorna ghax-xoghol. Dan kien jinvolvi li kellhom idawwru xi haddiema sabiex tkun akkomodata r-rikorrenti u kif ukoll li kien se jigi mpjegat xi hadd ghall-perjodu qasir. Kien hemm bzonn li ssir xi haga malajr sostniet Ms. Maryse Gatt fl-affidavit taghha.

Fl-affidavit x-xhud qalet li dan l-assentizmu fit-tul tar-rikorrenti mill-post tax-xoghol kien wera li kien impossibbli li r-rikorrenti taghti l-mija fil-mija (100%). Matul l-assentizmu ricenti taghha kien irrizulta li s-socjeta` ntimata kienet ghamlet telf finanzjarju minhabba zbalji li r-rikorrenti ghamlet ma' agenti u ma' lukandi[10].

Il-posizzjoni tar-rikorrenti fid-dipartiment fejn isiru r-riservi (*bookings*) riedet tkun ta' precizzjoni ta' mija fil-mija, u dan peress li jekk isir riserva (*booking*) wahda hazina kien ikollha mplikazzjonjiet serji fuq is-socjeta` ntimata.

Ix-xhud sostniet li hi kienet imhassba fuq sahhet ir-rikorrenti, u dan peress li r-rikorrenti kienet riedet li tidhol ghax-xoghol b'apparat mediku mqabbad maghha minhabba l-problema li kellha tal-ferita. Ix-xhud qalet li dan kollu ma kienx f'postu peress li r-rikorrenti kienet tidher fragili u kif ukoll ma kienx opportun li tidher f'dak l-istat fl-ufficju taghhom kemm mall-kollegi taghha u kif ukoll ghall-klijienti. Ix-xhud qalet li d-decizjoni li kienu hadu kienu kienet pruvata tajba peress li r-rikorrenti kienet ittiehdet l-isptar u kienet tpoggiet fit-Taqsima ta' Terapija Intensiva (ITU)[11].

---

[9] Ibid, pagna 2.
[10] Ibid, pagna 3.
[11] Affidavit Maryse Gatt, pagna 4.

Ix-xhud sostniet li hi kienet tat struzzjonjiet lill-*Operations Manager*, Ms. Luisa Sammut, sabiex iccempel lir-rikorrenti sabiex isaqsiha dwar il-qaghda ta' sahhitha u jekk it-tobba kienux indikaw xi zmien ghall-aktar assentizmu minn dak stmat qabel kellha tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud sostniet lir-rikorrenti kienet interpretat din it-telfonata bhala xi haga agressiva u opressiva kontra taghha, u li dan skont ix-xhud ma kienx il-kaz.

Ix-xhud irrilevat li kienet irciviet telefonata minghand ir-ragel tar-rikorrenti, Paul Madiona, fejn kien qallha li martu kienet irciviet telefonta minghand Luisa Sammut li kienet urtat lir-rikorrenti. Kien gie deciz li ssir laqgha u dan peress li b'email jew telefonata tista' tigi ggudikata hazin. Ix-xhud kienet cemplet lil Luisa Sammut u qaltilha biex tkun prezenti ghal din il-laqgha fid-dar taghha mar-rikorrenti[12].

Ix-xhud kompliet fl-affidavit taghha billi qalet li ghal din il-laqgha kien attenda biss ir-ragel tar-rikorrenti u dan peress li r-rikorrenti kienet baqghet barra ghax hassitha offiza hafna bit-telefonata ta' Luisa Sammut. Is-sur Madiona kien ikkonfronta lil Luisa Sammut dwar din it-telefonata u Ms. Sammut kienet qalet lis-sur Madiona li l-intenzjoni taghha kienet li jkollha ndikazzjoni tad-data ta' meta kienet se tirritorna ghax-xoghol ir-rikorrenti, u cioe` martu.

Ix-xhud qalet li hi kienet harget mid-dar taghha u marret fejn ir-rikorrenti li kienet fil-karozza, tiftakar ukoll li r-rikorrenti kienet fi stat fiziku u mentali hazin minhabba l-marda. Ir-rikorrenti kienet tidher pallida u fragili hafna. Ix-xhud tishaq li ghalkemm ma kinietx tabib kienet tal-opinjoni li r-rikorrenti ma kienitx tabja sabiex tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud tghid li kienet indikat lis-sur Madiona li riedu li jiddiskutu r-ritorn tar-rikorrenti, possibbilment b'mod gradwali u zgur li mhux immedjatament fuq bazi *full-time*[13].

Ix-xhud tghid li s-sur Madiona kien qallha sabiex din is-sitwazzjoni, "*Naqtawaha issa*?!" u li x-xhud fehmet bhala li l-impieg kellu jieqaf hemm minghjar dewmien. Ix-xhud sostniet li t-ton tar-ragel tar-rikorrenti kien jimplika, ngustament, li dak li kien gara lill-martu kien tort taghhom. Dan kien minhabba li s-socjeta` ntimata kienet qieghda tistaqsi f'din il-laqgha ghal data fissa sabiex ir-rikorrenti tirritorna ghax-xoghol[14].

Ix-xhud spjegat li meta rat hekk, kienet issuggerit lis-sur Madiona li kienu se jistennew sal-4 ta' Novembru 2013, u dan bi qbil verbali bejniethom, sakemm ir-rikorrenti tkun tista' tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud sostniet li kienet ghamlitha cara li s-socjeta' ntimata riedet aktar informazzjoni fuq is-sitwazzjoni ta' sahhet ir-rikorrenti. Ix-xhud sahqet li s-socjeta` ntimata ma ridietx li tiehu responsabbilita` li tippermetti lir-rikorrernti li tirritorna ghax-xoghol fi stat li tkun f'riskju li tkun hazin bhal ma kien gara meta spiccat l-I.T.U. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ukoll ma ghandhiex tiehu din ir-responsabbilita` li tpoggi lilha nnifisha f'riskju.

---

[12] Ibid, pagna 5.
[13] Ibid, pagna 6.
[14] Ibid, pagna,6.

Illi għal din ir-raġuni, u dan b'intenzjoni ġenwina, x-xhud kienet iddeċidiet li sabiex ikun hemm *feedback* ċara, jekk mhux mingħand ir-rikorrenti, mingħand it-tabib tas-soċjeta' ntimata, Dr. Ramon Tonna. Għal dan il-għan l-imsemmi tabib kien beda jżur lir-rikorrenti kull ġimgħa. Sal-4 ta' Novembru 2013, wara żewġ visiti mit-tabib tas-soċjeta' ntimata rriżulta li r-rikorrenti ma kienitx tajba sabiex tidħol għax-xogħol, u dan skont mic-ċertifikati mediċi[15]. In oltre, ma kien hemm l-ebda inidikazzjoni għal meta r-rikorrenti setgħet tirritorna għax-xogħol.

Ix-xhud sostniet fl-affidavit tagħha li wara diskussjonjiet interni kienu qablu li kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Ix-xhud irrilevat li kienu saru tibdiliet sabiex tiġi akkomodata l-assenza tar-rikorrenti, u kif ukoll jekk kienux se jieħdu r-riskju li jippermettu li r-rikorrenti taħdem tmien (8) sigħat f'ġurnata, ġialadarba tirritorna għax-xogħol.

Il-ġimgħa ta' wara x-xhud kienet ċemplet lir-rikorrenti sabiex jiltaqgħu, u dan kien fis-6 ta' Novembru 2013. Kien hawn li x-xhud ippreżentat lir-rikorrenti dak li s-soċejta` ntimata taħseb li kien il-kors ta' azzjoni raġonevoli, li kien wieħed li kien jiffaċilita x-xogħol tar-rikorrenti għal perjodu ta' żmien, b'ħinijiet flessibbli.[16]

Ix-xhud qalet li tiftakar tgħid lir-rikorrenti li hi ma kellhiex "*crystal ball*" li kien jiddetrmina l-futur, u li kien l-aħjar li jipproċedu a bazi ta' hekk u jiddiskutu t-tibdiliet lejn stadju aktar tard meta jkun opportun. Dan il-pass kien jassigura li ma jkunx hemm riskji għar-rikorrenti u kif ukoll għall-irkuprar ta' saħħitha.

Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti kienet uriet interess ma' din il-proposta u verbalment kienet qablet li "*that she would go for it*[17]". Ix-xhud, Maryse Gatt, qalet li kienet bagħtet forma ta' abbozz ta' ftehim (App MG 7) li kellu jiġi kjarifikat bil-kitba. Dan kien fit-8 ta' Novembru 2013 sabiex ir-rikorrenti tikkonsidra dak li kienu tkellmu fuqu, u cioe` li taħdem inqas ħin u dan qabel Ms. Madiona tirritorna għax-xogħol fil-11 ta' Novembru 2013.

Ix-xhud sostniet li ma kienu saru l-ebda mistoqsijiet da parti tar-rikorrenti dwar il-ħinjiet tax-xogħol tagħha qabel irritornat għax-xogħol fil-11 ta' Novembru. Ir-rikorrenti kienet ħadmet mill-11 sal-14 ta' Novembru u dan kif kienu lkoll qablu fuq bazi ta' ħinijiet ridotti (*reduced hours*)[18].

Maryse Gatt saħqet li r-rikorrenti fl-erbatax (14) ta' Novembru kienet infurmataha u dan b'sorpriża għalihom, li riedet li tibda taħdem it-tmien (8) sigħat ta' xogħol kuljum immedjatament. Dakinhar ir-rikorrenti telqet mix-xogħol f'nofsinhar.

Ix-xhud tgħid ukoll li r-raġel tar-rikorrenti kien mar l-uffiċċju tagħhom u kien wissieha b'ton aggressiv li hi kienet qiegħda tkun inġusta ma' martu, ossia r-rikorrenti, u li kellha taċċetta li martu tibda taħdem b'mod *full time*. Din ix-xenata mir-raġel tar-rikorrenti saret quddiem xi studenti li

[15] Affidavit Maryse Gatt, paġna 7.
[16] Ibid, paġna 8.
[17] Ibid, paġna 8.
[18] Ibid, paġna 9.

kienu prezenti. Ix-xhud irrapurtat dan kollu lid-diretturi tas-socjeta` ntimata u li kienu urtati hafna b'dak li gara.

Maryse Gatt qalet li hi kienet hadet inizjattiva u baghtet *email* lir-rikorrenti (APP MG 8) fejn infurmatha sabiex ma tirraportax ghax-xoghol. Ix-xhud ghamlet hekk minhabba l-attitudni ta' zewgha u taghha, u fl-interess ta' kulhadd kien hemm bzonn perjodu sabiex is-sitwazzjoni tikkalma.

Dakinhar stess, fil-15 ta' Novembru 2013, kien mar certu Antoine Grech, ufficjal mid-Dipariment tar-Relazzjonijet Industrijali u l-Impjiegi (DIER) fl-ufficcju tas-socjeta` ntimata u x-xhud kienet kellmitu permezz tat-telefon dwar is-sitwazzjoni kollha. Ix-xhud sostniet li kienet spjegat lil dan l-ufficjal tad-DIER li huma kellhom ir-ragunijiet taghom ghaliex ir-rikorrenti ma kellhiex tahdem fuq bazi *full-time* izda tahdem bl-arrangament flessibbli temporanjament u dan kien necessarju minhabba c-cirkostanzi ta' dak il-mument[19].

Ix-xhud qalet li hi ghamlet tentattiv sabiex jiltaqghu l-ghada s-sittax ta' Novembru izda r-rikorrenti infurmatha li ma setghetx il-gurnata kollha. Kienu ltaqghu t-Tnejn, it-tmintax ta' Novembru 2013, fejn x-xhud spjegat ir-ragunijiet lir-rikorrenti il-ghaliex kellha tahdem inqas sighat ghal xi zmien, u dan sakemm tkun irkuprat kompletament sahhitha. Ir-rikorrenti kienet qaltliha li kienet se tahsibha u telqet bl-intiza li kienet se tghidliha iva jew le.

Ix-xhud sahqet li Ms. Madiona ma kienet infurmataha b'xejn minn dan kollu, la kienet dahlet ghax-xoghol, telqet minghajr ma qalet kelma wahda, u li kienet injorat dan il-ftehim taghhom. Din it-tip ta' attitudni tar-rikorrenti, qalet ix-xhud, kienet hallithom fid-dlam. Meta s-socjeta` ntimata rat dan kollu, l-mod kif ir-rikorrenti kienet aggixxiet dwar dak li kienu ftehmu dwar il-hinjiet ridotti, fejn wara li kienet qablet u issa bidlet fehmtha, u l-attitudni inaccettabbli ta' zewgha, x-xhud qalet li ma kien faddlilhom l-ebda ghazla hlief li jitterminaw l-impieg tar-rikorrenti.

Ix-xhud sahqet li s-socjeta` ntimata kienet uriet rispett lejn ir-rikorrenti, izda mill-banda l-ohra ma setghux ikunu servili ghal tali attitudni li la kienet gustifikata u lanqas ma kienu se jaccettaw min-naha taghhom. Is-socjeta' ntimata kienet tat is-sapport kollu taghha lir-rikorrenti matul il-marda taghha, fejn giet koncessa l-*leave* u dan barra l-perjodu tal-i*stop leave* tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud ghalqet l-affidavit taghha fejn sostniet li Formula tat-Tmien tal-Impjieg (*Termination Form*) tal-E.T.C., kif kien maghruf dakinhar fil-perjodu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, u li llum huwa maghruf bhala Jobs Plus, kienet tindika li "*circumstances beyond employer's control*", u dan minhabba c-cirkostanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tar-rikorrenti[20].

Fl-istess seduta fejn gie pprezentat dan l-affidavit, Maryse Gatt xehdet u spjegat li s-socejta` ntimata qatt ma xtaqet li s-sitwazzjoni tasal sa hawn. Ix-xhud spjegat li dawn kienu cirkostanzi li

[19] Affidavit, Maryse Gatt, pagna 10.
[20] Ibid, pagna, 11.

ma kellhomx kontroll fuqhom, u dan peress li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mar-rikorrenti li naqset li taghti risposta lis-socjeta` ntimata.

Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014 gie pprezentat l-affidavit ta' Luisa Sammut, *Operations Manager* mas-Socejta` ntimata fejn spejgat li r-rikorrenti giet itterminata "*reasons beyond the employers's control*'[21].

Din ix-xhud semmiet il-problemi medici tar-rikorrenti, semmiet l-istanti ta' meta r-rikorrenti kellha bzonn tmur l-isptar fejn kienet tidhol tard ghax-xoghol u li kienet taghmel tajjeb ghalihom billi tahdem aktar sighat minflok jitnaqqsu mill-leave taghha, xi haga li s-socjeta` ntimata kienet accettat. Semmiet ukoll li meta fl-2013 qabel it-tieni operazzjoni tar-rikorrenti fejn is-*sick leave* kien gie utilizzat kollu, r-ikorrenti kienet saqsiet biex tiehu *vacation leave* minflok taqa' fuq *sick leave half pay*, u li dan ukoll gie accettat mis-socjeta` ntimata.

Ix-xhud f'dan l-affidavit taghha telenka l-problemi medici tar-rikorrenti u li s-socjeta` ntimata kellha tibqa' ghaddejja bl-operat taghha minkejja dawn il-problemi. Kien hemm bzonn li hi, bhala *Operations Manager*, tizgura li l-volum ta' xoghol ikun immaniggjat b'mod efficenti, izda peress li kien fl-aqwa tal-istagun (*peak season*) dan kien difficli li jsir.

Din ix-xhud sostniet li r-rikorrenti talbet li tirritorna ghax-xoghol bil-magna li kellha zzomm maghha, izda d-diretturi tas-socjeta' ntimata ma kienux accettaw din it-talba. Is-socjeta` ntimata kienet saqsiet sabiex ir-rikorrenti ggib certifikat mediku. Ix-xhud sahqet li din id-decizjoni sabiex ir-rikorrenti ma tidholx ghax-xoghol kienet decizjoni tajba u dan peress li r-rikorrenti kienet spiccat fl-ITU[22].

Ix-xhud ghalkemm riedet taggorna ruhha fuq sahhet ir-rikorrenti minghandha stess u dan minhabba l-kariga taghha, r-rikorrenti ma kienet tat l-ebda aggornamenti fuq il-qaghda ta' sahhitha. Fit-23 t'Ottubru 2013 fuq struzzjonjiet tad-diretturi taghha, x-xhud, cemplet lir-rikorrenti fejn din qaltilha li kienet ghadha kif harget mill-isptar wara li ghamlet xi testijiet. Ix-xhud peress li riedet li tippjana x-xoghol ghad-dipartiment tal-bejgh (*sales department*) kienet saqsiet lir-rikorrenti meta kienet se tirritorna ghax-xoghol. Ir-rikorrenti kienet qaltilha li kienet qieghda tistenna r-rizultati tad-demm li kellhom johorgu fi zmien 24 siegha.

Ix-xhud sostniet li d-direttur kien cemplilha u qallha sabiex tmur tiltaqa' mar-rikorrenti u zewgha fid-dar taghhom fejn b'sorpriza ghax-xhud it-telefonata li kienet ghamlet ix-xhud ftit qabel lir-rikorrenti kienet giet interpretata mir-rikorrenti, bhala wahda agressiva. Meta x-xhud marret fid-dar tar-rikorrenti kienet sabitha fi stat ta' sahha hazin hafna. Zewgha kien issueggerixxa li jispicca kollox dak il-hin. Id-direttur ma ridietx li jiddiskutu t-terminazzjoni dak il-hin u r-rikorrenti kienet issuggeriet li tidhol ghax-xoghol fl-4 ta' Novembru. Kien irrizulta minn dak li kien ikkonstata t-

[21] Affidavit ta' Luisa Sammut, pagna 1.
[22] Ibidm pagna 2.

tabib li r-rikorrenti ma kinietx tajba sabiex tirritorna ghax-xoghol. Fl-4 ta' Novembru kif issuggeriet l-istess rikorrenti.

Is-socjeta` ntimata meta rat li r-rikorrenti kellha problemi ta' sahha u li kienu se jtawwlu, u dan minhabba li r-rikorrenti baqa' jkollha problemi ta' sahha, gie deciz li joffru lir-rikorrenti biex temporanjament tibda tahdem sighat ridotti ta' xoghol. Dan kien gie deciz sabiex ir-rikorrenti tkun flessibbli sabiex tirritorna ghax-xoghol u tirkupra sew. Dan kien ukoll propost sabiex is-socjeta` ntimata u lill-kollegi tar-rikorrenti jerghu lura ghas-sistema normali. Is-socjeta` ntimata kienet tal-fehma, skont din ix-xhud, li kien fl-interess tar-rikorrenti, u mhux tas-socjeta` ntimata jew tal-kollegi taghha jew tal-klijenti li r-rikorrenti tirritorna ghax-xoghol immedjatament. Ix-xhud sostniet li f' din il-laqgha tas-6 ta' Novembru r-rikorrenti kienet accettat din il-proposta li tahdem sighat ridotti. Kien gie maqbul ukoll li jsir ftehim f'dan is-sens u li kellu jintbgahat lir-rikorrenti sabiex taqrah u tiffirmah. Kien gie maqbul ukoll li r-rikorrenti kellha tirritorna ghax-xoghol fil-11 ta' Novembru u dan taht dawn il-kundizzjonjiet temporanji ta' xoghol.

Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti mhux biss kienet qablet ma' dan il-ftehim ta' xoghol kif gie maqbul fil-laqgha tas-6 ta' Novembru, izda kienet irritornat ghax-xoghol it-Tnejn 11 ta' Novembru, u dan a bazi ta' dan il-ftehim ta' sighat ridotti, u damet fuq din il-bazi sal-14 ta' Novembru. Ix-xhud sahqet li huma kienu regghu baghtu il-ftehim lir-rikorrenti peress li kienu bl-impressjoni li kienet insiet tiffirma dan il-ftehim ta' sighat ridotti. B'sorpriza ghalihom, kompliet ix-xhud, ir-rikorrenti meta giet mitluba sabiex tiffirma dan il-ftehim kienet infurmathom li ma ridietx tiffirma dan il-ftehim. Ir-rikorrenti insistiet li trid tahdem fuq bazi *full-time*.

Ix-xhud sostniet li s-socjeta' ntimata kienet koncernata mis-sahha tar-rikorrenti u li s-socjeta` ntimata ma setghetx li taffordja aktar assenzi mix-xoghol da parti tar-rikorrenti. Kien propju ghalhekk li kien issuggerit li r-rikorrenti tahdem a bazi ta' sighat ridotti. Ix-xhud semmiet ukoll li r-ragel tar-rikorrenti kien mar fl-ufficcini tas-socjeta` ntimata jghajjat u jhedded lid-direttur quddiem il-kollegi u l-klijenti. Ix-xhud sostniet li din l-attitudni mir-ragel tar-rikorrenti kienet innaccettabbli u dan wara li s-socjeta` ntimata kienet hadet daqshekk pacenzja bir-rikorrenti bl-assenteizmu taghha.

Ix-xhud semmiet li kienet intbaghtet *email* mid-direttur lir-rikorrenti sabiex l-ghada ma tmurx ghax-xoghol, u b'sorpriza l-Gimgha 15 ta' Novembru kien zar l-ufficini tas-socjeta` ntimata Antoine Grech, ufficjal mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impiegi (DIER). Ir-rikorrenti kienet giet ikkuntattjatha sabiex jiltaghqu l-ghada s-Sibt, 16 ta' Novembru, u dan biex jiddiskutu kif kienu se jibqghu, izda r-rikorrenti kienet sostniet li kienet indisposta l-gurnata kollha[23].

Ix-xhud qalet li kienu ltaqghu t-Tnejn, 18 ta' Novembru u kienu ddiskutew l-ahhar eventi li kienu sehhew u gie emfasizzat li kien hemm bzonn li jimxu 'l quddiem. Is-socjeta` ntimata kienet regghet sahqet li l-ahjar soluzzjoni kienet li tikkunsidra s-soluzzjoni temporanja li t-tmexxija tas-

---

[23] Affidavit Luisa Sammut,

socjeta` ntimata kienet resqet u dan ghall-gid u fl-interess ta' kulhadd. Ir-rikorrenti, ghal darba ohra kienet qalet li kienet se tahseb fuqha u tinfurmahom bir-risposta taghhom.

Wara li kienu ghaddew diversi granet minghajr ma semghu xejn minghand ir-rikorrenti, u tenut kont ta' kemm kienu ghaddew xhur ta' stennija da parti tas-socjeta` ntimata sabiex jintlahaq ftehim fl-interess ta' kulhadd u kif ukoll dwar dak li kien ghamel zewgha, s-socjeta` ntimata ddecidiet li dan kollu ma jistax jibqa' ghaddej aktar. Ghalhekk, ghalqet ix-xhud l-affidavit taghha, kienet intbaghtet ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg lir-rikorrenti fuq il-bazi li s-socjeta' ntimata ma kellhiex kontroll fuqhom (*reasons beyond the employer's control*)[24].

Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014, xehdet in subizzjoni, r-rikorrenti Deborah Anne, sive Debbie Madiona, fejn wiegbet ghad-domandi tar-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, l-avukat Paul Gonzi.

Ir-rikorrenti bdiet billi qalet li kienet ilha mpjegata ma' Merlin Computers mit-28 ta' Jannar 2014. Semmiet li kemm kien ilha fl-impieg mas-Socjeta' ntimata, Education Limited kellha diversi operazzjonjiet. Ir-rikorrenti qalet li kienet ghamlet zewg operazzjonjiet l-ewwel wahda f'Marzu 2013 u qattghet sebat ijiem id-dar.

Ix-xhud kompliet billi qalet li fit-23 t'Awwissu 2013 regghu nqaghlu problemi ohra ta' natura medika u kien hemm bzonn li terga' tigi operata. In oltre, stqarret ukoll li qabel 2013 qatt ma kellha problemi serji medici. Ix-xhud sostniet li kienet tiehu ukoll mill-vacation leave taghha sabiex tmur ghall-visti l-isptar. Ix-xhud ma cahditx li d-diretturi tas-socjeta` ntimata kienu zammew kuntatt maghha u kien jistaqsu dwar is-sitwazzjoni taghha u kif ukoll li kienu zaruha l-isptar[25].

Ir-rikorrenti sahqet li kienu tkellmu meta kellha tidhol lura ghax-xoghol u kif ukoll li kellha tibda taghmel uzu minn magna li kellha tkun imqabbda maghha minhabba l-problemi li kellha. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li din il-magna kienet imqabbda maghha meta talbet biex tidhol ghax-xoghol fl-4 t'Ottubru 2013. Ix-xhud sostniet li kienet tiftakar li Maryse Gatt kienet qaltilha biex ahjar ma tidholx ghax-xoghol. Ix-xhud sostniet li kienet hassitha urtata u ddiskriminata fuq hekk. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li tlett ijiem wara ossia fis-7 t'Ottubru 2013 kienet regghet spiccat l-isptar.

Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll li meta regghet dahlet l-isptar u spiccat rikoverata fil-Kura Intensiva (ITU) ma kienx it-tort ta' Maryse Gatt. Ix-xhud sostniet li kienet damet l-isptar mis-7 sad-19 t' Ottubru 2013. Ix-xhud semmiet ukoll meta kienet cemplitilha Luisa Sammut fit-23 t'Ottubru, dakinhar li kellha visita l-*outpatients* l-isptar, fejn ir-rikorrenti nfurmat lil Luisa Sammut li kellha bzonn madwar gimgha ohra sabiex tidhol ghax-xoghol.

Ix-xhud tirrileva li t-ton u l-attitudni ta' Luisa Sammut ma kienux ghogbuha, u kienet marret id-dar ta' Maryse Gatt, flimkien ma' zewgha, sabiex tkellimha. Ir-rikorrenti qalet li kienet hassitha

[24] Affidavit, Luisa Sammut, pagna 5.
[25] Xiehda in subizzjoni Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 6 tat-traskrizzjoni.

hazin hafna minhabba f'hekk u kien mar ikellem lil Maryse Gatt ir-ragel taghha biss. Maryse Gatt kienet marret tkellimha ghax hi baqghet fil-karozza peress li ma hassithiex tajba. Ir-rikorrenti sostniet li Marsye Gatt kienet qaltilha sabiex taghmel kuragg u li kellha bzonn tistrieh aktar.

Ir-rikorrenti ikkonfermat ukoll li dakinhar la Maryse Gatt u lanqas bintha, Luisa Sammut ma kienu kellmuha fuq it-terminazzjoni tal-impieg. Ix-xhud sostniet li Maryse Gatt kienet indunat li hi kienet dghajfa u meta marru d-dar Ms. Gatt kienet kellmitha fuq li tibda tahdem *part-time*. Ir-rikorrenti wegbitha billi qaltilha li ma xtaqitx li tahdem *part-time*, izda li tibqa' *full-time*.

Ir-rikorrenti sostniet li kienet regghet marret tkellem, flimkien ma' zewgha, lid-dirigenti tas-socjeta` ntimata, fosthom, Marsye Gatt, u li din il-magna li kellha kienet mqabbda maghha. Ir-rikorrenti qalet li Maryse Gatt kienet qalet lil Luisa Sammut li ma kienu se jaslu mkien hekk. Ir-rikorrenti ikkonfermat li dakinhar ma kienux kellmuha fuq terminazzjoni, izda r-rikorrenti kompliet fejn qalet li Ms. Gatt kienet bezghet peress li t-tabib kien tal-fehma biex ma tidholx ghax-xoghol. Ir-rikorrenti rrilevat li Ms. Gatt kienet talbitha r-rizultati tat-testijiet tad-demm, u ghalkemm din hi xi haga personali hi kienet qaltilha ma kinietx problema (*no problem*)[26].

Ix-xhud, ossia r-rikorrenti, kkonfermat l-*email* tat-23 t'Ottubru izda sostniet li din l-*email* intbaghtet fuq *email* li ma kinetx tintuza hafna, u cioe` ma kienx l-indirizz tal-*email* li s-soltu kienu jintuza meta kienu jintbaghtu l-*emails*. Ir-rikorrenti ghal din ir-raguni ma kinietx rat din l-*email* dakinhar tat-23 t'Ottubru. Meta kienet rat l-email ir-rikorrenti kienet cemplet lil Maryse Gatt u kienu ftehmu sabiex jiltaqghu.

Dwar id-domanda sabiex tiffirma kuntratt gdid ir-rikorrenti wiegbet li f'seba' snin li kien ilha hemm qatt ma kellha kuntratt. Ir-rikorrenti sostniet li dan il-kuntratt kien ghal xoghol *part-time* u hi riedet tibqa' tahdem kif kienet qabel, u cioe` *full-time*. Ix-xhud tghid li hi qaltilha dawn il-precizi kelmiet "*I want my old job back*" u Maryse Gatt wegbietha, "*I want I want I want it's my company and I'll do what I want*"[27].

Ir-rikorrenti sostniet li kieku kien hemm speranza kienet taccetta izda meta kienet saqsiet lil Ms. Gatt sabiex jitnizzlu dati jew zmien meta kienet terga` taqleb *full-time*, din kienet qaltilha li ma setghet tweghdha xejn.

Ir-rikorrenti wiegbet li Ms. Gatt kienet tatha ftit zmien sabiex taqra dan il-kuntratt. Ir-rikorrenti spjegat li kienet marret tkellem lil *tal-labour office*[28], ossia lid-Dipartiment ta' Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi (DIER) u li kienu ukoll marru jkellmu lil Ms. Gatt u l-ufficcjal qallha li dan ma tistax taghmlu. Ir-rikorrenti sostniet li Ms. Gatt baqghet tghidlha li ma setghetx taghtiha garanzija li terga` taqleb *full-time*[29].

---

[26] Xiehda in subizzjoni Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 13 tat-traskrizzjoni

[27] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.

[28] *sic*

[29] Ibid, pagna 17 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrenti kompliet tixhed in subizzjoni fis-seduta tat-23 ta' Frar 2015, fejn wiegbet ghad-domandi tal-konsulent legali tas-socjeta` ntimata, l-Avukat Paul Gonzi. Ir-rikorrenti kompliet billi spjegat li hi riedet li tahdem sighat ridotti izda mhux *part-time*, u li riedet data meta terga' tkompli *full-time*. Ir-rikorrenti ghad-domanda x'tifhem bhala *reduced hours* wiegbet li minflok tahdem sal-hamsa kienet se tahdem sat-tlieta u nofs jew l-erbgha. Ir-rikorrenti baqghet issostni li hi dejjem riedet li jkollha data meta kienet se terga' taqleb ghal *full-time*.

Ir-rikorrenti kienet irceviet bl-idejn il-kuntratt it-Tnejn meta dahlet lura ghax-xoghol u kkonfermat ukoll li qabel kienu tkellmu li kien hemm il-possibbilita` li jitbiddlu l-hinjiet tal-kuntratt. Ir-rikorrenti sostniet li s-socjeta` ntimata kienet dahlet lil xi hadd iehor u kien qieghed juza l-iskrivanija taghha, u dan kienet saret tafu minghand id-dirigenti tas-socjeta` ntimata stess meta dahlet lura ghax-xoghol. Ir-rikorrenti rrilevat li Ms. Gatt kienet tatha ghazla jekk tahdimx anqas mit-tmien sighat ta' xoghol. Ir-rikorrenti sostniet li kellha certifikati li kienu jikkonfermaw li kienet tajba sabiex tahdem u kienet ghaddiet kopja ta' dawn ic-certifikati lil Luisa Sammut.

Ir-rikorrenti sostniet li meta dahlet ghax-xoghol it-Tnejn kienet giet infurmatha li kienet xoghol nofs ta' nhar (*half day*)[30]. Ix-xhud wiegbet li meta s-socjeta` ntimata kienet offritilha sabiex tahdem *part-time*, u dan ghax riedu li jbiddlu xi affarijiet sabiex jimpjegaw aktar nies. Skont id-dirigenti tas-socjeta` ntimata, sostnew li dan kien fl-interess tar-rikorrenti li tahdem erba' sighat biss.

Ir-rikorrenti sahqet li hi riedet li tiddiskuti meta kienet se terga' tigi *full-time*, ghax fuq il-kuntratt li kienu tawha kien hemm miktub li kienet se tahdem *part-time*. Ir-rikorrenti qalet li damet tahdem sal-Hamis u dan sakemm tidhol Maryse Gatt, omm Luisa Sammut sabiex taghmel appuntament maghha. Ir-rikorrenti kkonfermat li kienet hadmet erba' sighat f'dawk l-erbat ijiem u li dan kien fuq suggeriment tas-socjeta` ntimata[31].

Dwar il-laqgha li kellha mad-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER), r-rikorrenti sostniet li kienet spjegatilhom li kienet impjegata *full-time* u minhabba l-problemi medici li kellha kienu riduha li tahdem *part-time*. L-ufficjali tad-DIER kienu qalulha sabiex tidhol ghax-xoghol biex ma jghidux li kienet abbandunat il-post tax-xoghol. Ix-xhud, ossia r-rikorrenti sostniet li meta dahlet t-Tnejn ghax-xoghol kienu qalulha li kienet se tahdem sas-siegha (13.00).

Ghad-domanda jekk dan kollu kienx temporanju, r-rikorrenti wiegbet li fuq il-kuntratt li kienet inghatat ma kien imnizzel xejn minn dan f'dan il-kuntratt. Ix-xhud qalet lill-ufficcjali tas-socjeta` ntimata li kienet infurmathom erbat ijiem wara li kienet bdiet tahdem dan it-tip ta' modalita` ta' xoghol, u cioe` l-Hamis. Ix-xhud sostniet li Maryse Gatt kienet qaltliha li "*go go tkun bhal l-ohrajn*", meta kienet qaltilha li riedu jitkellmu, kienet marret tiltaqa' mar-ragel taghha tibki[32].

---

[30] Seduta 23 ta' Frar 2015, kontinwazzjoni tax-xiehda in subizzjoni ta' Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[31] Ibid, pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[32] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrenti cahdet li zewgha li kien dahal b'rabja kbira sabiex ikellem lil Maryse Gatt u dan tikkonfermah ghax hi kienet prezenti. Ir-rikorrenti sahqet li Maryse Gatt kienet se taghlaq il-bieb f'wiccu u zewgha ried li jcemplu lil tal-*Labour Office* (*sic*), ossia lid-DIER sabiex ikunu jafu l-fatti kif inhuma. Ir-rikorrenti, Ms. Madiona irrilevat li Maryse Gatt qalet lil zewgha li kien qieghed jheddidha u hi qalet lil zewgha sabiex jinsew kollox, "*forget it ghidtlu ghax din se tibda*"[33].

Ir-rikorrenti giet murijha *email* bid-data tal-14 ta' Novembru u li r-rikorrenti kkonfermat li tiftakaraha izda ma kinietx qratha dakinhar peress li kienet dahlet f'inidirizz elettroniku iehor. Ir-rikorrenti kienet cemplet lil Maryse Gatt u ftehmu sabiex jiltaqghu, u in oltre, r-rikorrenti kkonfermat li bhala fatt ma kinietx irrispondiet din l-*email*.

Ir-rikorrenti spejgat li kienu riedu li jiltaqghu fil-gurnata tas-Sibt u li f'dik il-gurnata hi ma setghetx tattendi ghal din il-laqgha. Fil-laqgha li kienet nzammet it-Tnejn jew it-Tlieta r-rikorrenti sostniet li kienu rieduha li tikkonsodra u tiffirma l-kuntratt ta' *part-time*. Ghad-domandi jekk ir-rikorrenti kellhiex taghti risposti dwar jekk kinietx se tikkunsidra l-kuntratt ta' *part-timer*, r-rikorrenti wiegbet li ma kinietx kellmithom peress li ma kienux infurmawha li kienu marru tad-DIER, u li kellha kull dritt li ma tiffirmax dan il-kuntratt.

Ix-xhud, Ms. Deborah, sive Debbie Madiona ikkonfermat li hi kienet riedet li tidhol klawsola fil-kuntratt li kienet tispecifika li dan il-kuntratt *part-time* kien temporanju, u dan kien fil-laqgha ta' qabel tal-ahhar.

Illi abbozz tal-kuntratt fuq bazi *part-time* offrut lir-rikorrenti u kif ukoll l-*email* datata it-8 ta' Novembru 2013 gew ipprezentati permezz ta' nota fl-20 t'April 2015, mir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala, Dok. 'INL 1' u Dok. 'INL 2', rispettivament.

Fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2015 xehdet Ms. Maryse Gatt, li tokkupa l-kariga ta' direttrici fi hdan is-socjeta` ntimata. Illi x-xhud sostniet li r-rikorrenti meta fit-28 t'Awwissu kien rega' kellha problemi ta' sahha u kellha terga' ma tidholx ghax-xoghol, kienet gia uzat is-*sick leave*, il-*leave* u kif ukoll il-leave bla hlas (*unpaid leave*). Ix-xhud irrilevat li s-socjeta` ntimata kienet ukoll ippermetiet lir-rikorrenti li tiehu aktar granet minn dak li kellha bi dritt li tiehu, u dan minhabba s-sitwazzjoni medika tar-rikorrenti[34].

Dwar is-sitwazzjoni ta' meta r-rikorrenti dahlet gahx-xoghol b'magna mqabbda maghha minhabba l-ferita li kellha, x-xhud sahqet li thoss li dan ma kienx sew kemm ghalihom bhala staff u kif ukoll ghall-klijenti taghhom. Ix-xhud qalet li ma kinitex irrealizzat li r-rikorrenti kienet haditha daqshekk bi kbira meta qaltilha biex ma tmurx ghax-xoghol b'din il-magna mqabbda maghha. Ix-xhud li wara din il-kwistjoni ma kienx hemm kommunikazzjoni mar-rikorrenti, meta qabel kien hemm kommunikazzjoni kontinwa bejniethom. Ix-xhud sostniet li hi ghalkemm tahseb li kienet hadet decizjoni tajba li ma hallietx lir-rikorrenti li tidhol ghax-xoghol, specjalment meta r-

[33] Ibid, pagna 15 tat-traskrizzjoni.
[34] Seduta 26 ta' Ottubru 2015, xiehda ta' Maryse Gatt, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

rikorrenti regghet dahlet l-isptar minhabba kumplikazzjonjiet ohra, tishaq li dawn huma affarijiet tat-tabib taghha. Ix-xhud baqghet issostni li ma hallietx lir-rikorrenti tidhol ghax-xoghol ghall-gid tar-rikorrenti stess, u ma thossx li din hija diskriminazzjoni. Ix-xhud qalet li din hija l-ewwel darba li qieghda tisma' li hi ddiskriminat mar-rikorrenti[35].

Dwar l-istanti ta' meta saret il-laqgha nformali barra d-dar tax-xhud, ix-xhud wiegbet li kienet qalet lil bintha, u li hija l-Operations Manager tas-socjeta` ntimata, Luisa Gatt (*sic*) sabiex iccempel lir-rikorrenti u ssaqsiha dwar is-sitwazzjoni taghha fhiex kienet waslet. Dan ghamlitu peress li kellha pressjoni mill-ufficcju u sabiex jaraw x'kienu se jaghmlu bil-kamra minn fejn kienet tahdem ir-rikorrenti.

Ix-xhud sostniet li minn dak li fehmet hi r-rikorrenti hassitha urtata bit-telfonata ta' Luisa. Tiftakar li kien cempel zewgha u kien qallilha sabiex jiltaqghu. Ix-xhud tghid li kienu ltaqghu d-dar taghha fejn kien ghal din il-laqgha kien mar ir-ragel tar-rikorrenti biss. Ix-xhud kienet talbet lil Luisa sabiex tkun prezenti ghal din il-laqgha u dan peress li r-ragel tar-rikorrenti qal lix-xhud li martu, u cioe` r-rikorrenti, ma ridietx tattendi ghax kienet iddispjacuta. Ix-xhud qalet li hi harget mid-dar u marret fejn ir-rikorrenti li kienet baqghet fil-karozza. Ix-xhud sabet lir-rikorrenti qieghda tibki u fi stat hazin hafna[36].

Ix-xhud tghid li r-ragel tar-rikorrenti qallha sabiex "*naqtawha issa*", x-xhud issostni li daret fuq bintha, u kien hawn li qaltilha sabiex jitilqu ghax ma jistghu jaghmlu xejn. Ix-xhud baghtet *email* lir-rikorrenti fejn qaltilha li huma t-tnejn ma setghux jiddeciedu meta setghet tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud kienet se thalli f'idejn it-tabib taghhom sabiex jara meta r-rikorrenti kienet tajba biex tidhol ghax-xoghol[37].

Ix-xhud f'din l-email kienet tat gimghatejn u wara kienu jergghu jiddiskutu, u dan kien gimghatejn qabel it-telefonata tal-4 ta' Novembru 2013. It-tabib tas-socjeta` ntimata kien qieghed izur lir-rikorrenti kull gimgha, izda r-rikorrenti kienet ghadha mhux tajba biex tirritorna ghax-xoghol. Sal-4 ta' Novembru 2013 r-rikorrenti kien ghadha mhux tajba sabiex tidhol ghax-xoghol, sostniet ix-xhud, Maryse Gatt.

Din ix-xhud baqghet tishaq li qatt ma riedet li tittermina mix-xoghol lir-rikorrenti u dan ghax dejjem kienet tajba f'xogholha. Ix-xhud qalet li huma riedu jikkoperaw mar-rikorrenti. Ix-xhud semmiet kif fl-4 ta' Novembru kienet cemplet lir-rikorrenti sabiex jiltaqghu u jitkellmu. Fis-6 ta' Novembru x-xhud u r-rikorrenti ltaqghu u x-xhud qalet li kienet qaltilha sabiex tahdem inqas sighat u dan minhabba t-trawma li kienet ghaddiet minnha r-rikorrenti. Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti kienet qaltilha li kienet se tahseb fuq dak li kienet ipproponitielha[38].

---

[35] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[36] Seduta 26 ta' Ottubru 2015, xiehda ta' Maryse Gatt, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[37] Ibid, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[38] Ibid.

Ix-xhud sostniet li kienu baghtu abbozz tal-kuntratt lir-rikorrenti u qalet lir-rikorrenti sabiex tidhol ghax-xoghol it-Tnejn fuq bazi *part-time* u li tiehu maghha c-certifikati tat-tabib. Ix-xhud sostniet li fuq dan kollu kien hemm qbil mir-rikorrenti.

Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti kienet dahlet ghax-xoghol it-Tnejn u li hi dakinhar ma kinietx dahlet. Ix-xhud qalet li kienet l-Opertaions Manager, Luisa (Sammut), u li jekk kellha xi haga xi tghid setghet tkellem lil Luisa. Ix-xhud irrilevat li r-rikorrenti hadmet mit-Tnejn sal-Hamis b'hinjiet anqas ta' xoghol.

Ix-xhud cahdet dak li sostniet ir-rikorrenti u cioe` li hi kienet qalet il-kliem "….*I want, I want, this is my company I can do what I like*..". Ghall-kuntrarju kienet ir-rikorrenti li kienet qalet il-kliem " *I want, I want, I want my job back*"[39].

Ix-xhud qalet li setghet qalet li l-kumpnaija kienet taghha u li riedet tara kif se tmexxi u kien hawn li r-rikorrenti telqet 'il barra tghajjat maghha. Ftit tal-hin wara kien mar ir-ragel tar-rikorrenti jghajjat ukoll maghha u jipponta subghajh lejn ix-xhud u jakkuzaha li kienet qieghda ddawwar il-kliem.

Ix-xhud qalet li dan kollu kien inaccettablli li ragel ta' impjegata taghha jispicca jghajjat maghha u jakkuzaha. Ix-xhud sostniet ukoll li hi ma setghetx twieghed data certa lir-rikorrenti meta kienet se terga' tigi *full-time*, u dan peress li lanqas ir-rikorrenti ma kienet semghatha isaqsi ghal data meta kienet se tidhol lura. Ix-xhud sahqet li meta r-rikorrenti kienet se tkun tajba hi kienet tirriverti ghal xogholha *full-time*. Ix-xhud tiftakar tghid lir-rikorrenti li hi ma kellhiex ballun tal-kristall (crystal ball) li kien jara l-futur, kif l-affarijiet ikunu ahjar kienet tinbidel, din kienet mizura temporanja.

Ix-xhud sostniet li hi qatt ma kienet irceviet twegiba dwar l-abbozz minghand ir-rikorrenti. Ix-xhud qalet li kienet baghtet fuq *email* li kull meta baghtet *emails* fuqha qabel lir-rikorrenti din kienet tirciviehom, kienet din l-email partikolari li r-rikorrneti kienet qieghda tghid li ma rcivietx, sostniet ix-xhud. Ix-xhud semmiet ukoll li t-tabib tal-kumpanija kien qalilha li r-rikorrenti ma kinietx tajba sabiex tidhol ghax-xoghol.

Ix-xhud tkompli tixhed billi qalet li wara dak li kien gara mar-ragel tar-rikorrenti hi kienet cemplitilha sabiex l-ghada ma tidholx ghax-xoghol. Fil-gurnata tal-Gimgha x-xhud irciviet telefonta mid-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER) fejn giet mgharrfa li ma setghtex twaqqaf lil xi hadd milli jmur l-ufficcini taghhom, setghet tissospendi izda riedet thallas lil min tissospendi. Ix-xhud qalet li lir-rikorrrenti kienet hallsitha. Ix-xhud sostniet li kienet regghet cemplet lir-rikorrenti fil-gurnata tas-Sibt sabiex jitkellmu imma r-rikorrenti kienet qaltilha li kienet "*unavailable*".[40]

[39] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[40] Seduta 26 ta' Ottubru 2015, xiehda ta' Maryse Gatt, pagna 6 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud ghalqet ix-xiehda taghha billi qalet li hi kienet spjegat lill-ufficjal tad-DIER u li kienet tal-fehma li r-rikorrrenti kienet se tidhol it-Tnejn jew it-Tlieta u jitkellmu u jaraw kif kienu se jsolvu din il-kwistjoni. Ix-xhud qalet li x'aktarx kienet ltaqghet mar-rikorrenti t-Tlieta u regghet qaltilha sabiex tikkonsidra li tibda tahdem fuq bazi *part-time* u wara jerghu jiddiskutu. Ix-xhud sahqet li riedet zewgha (tar-rikorrenti) jitlob apologija ta' dak li kien ghamel maghha. Ir-rikorrenti kienet qaltilha li kienet se tahsibha u telqet mill-ufficcju taghha. Ix-xhud qalet li wara li kienu ghaddew xi granet u ma semghet xejn minghand ir-rikorrenti kienu ddecidew li jibghatulha l-ittra ta' terminazzjoni, u dan minhabba cirkostanzi mhux previsti (*unforeseen circumstances*).[41]

Ir-rikorrenti, Deborah Anne sive, Debbie Madiona, xehdet fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2017, billi kkonfermat id-Dikjarazzjoni tal-Fatti taghha bil-gurament. Ir-rikorrenti semmiet li kellha taghmel operazzjoni f'Awwissu 2013. Wara li kellha xi kumplikazzjonjiet minhabba din l-operazzjoni, r-rikorrenti kienet kellmet lil Maryse Gatt u lil Luisa Sammut li kellha bzonn iggorr maghha magna (VAC Machine). Ir-rikorrenti sostniet li dawn ma kienux hadu pjacir b'dak li qaltilhom.

Ir-rikorrenti qalet li din gahlqet billi kienu qalulha li kienu se jergghu jiltaqghu biex jitkellmu. Wara din il-laqgha li kienet fl-4 t'Ottubru 2013 ir-rikorrenti kienet regghet dahlet l-isptar fid-19 t'Ottubru 2013. Fit-23 t'Ottubru 2013 ir-rikorrenti kellha appuntament l-isptar u rceviet telefonata minghand Luisa Sammut, bint Maryse Gatt, biex tara meta kienet se tidhol ghax-xoghol. Ir-rikorrenti sostniet li meta qaltliha li ma kinietx se tidhol ghax-xoghol peress li kienet ghadha mhux tajba Luisa Sammut bdiet tirrabja maghha[42]. Dwar ic-certifikati medici r-rikorrenti qalet li meta kienet kellmithom fuqhom kienu jghidulha li issa jirrangaw. Ir-rikorrenti sostneit li anke meta kienet tathom lit-tabib tal-kumpnaija kien rega' tahomlha lura u dan peress li ma kienux rieduhom minghandu.

Ir-rikorrenti semmiet meta hi kienet baqghet fil-karozza ghax kienet skonvolta u kien dahal zewgha jkellem lil Maryse Gatt fid-dar tal-istess Maryse Gatt. Ir-rikorrenti tghid li l-istess tabib tal-kumpanija, certu Dr. Tonna, kien ta lir-rikorrenti gimgha *sick leave* ohra. Ir-rikorrenti tghid li Maryse Gatt kienet ukoll talbitha t-testijiet tad-demm.

Ir-rikorrenti sostniet li fis-7 ta' Novembru 2013, Maryse Gatt u Luisa Sammut kienu offrewlha sabiex tahdem fuq bazi *part time*. Ir-rikorrenti sahqet li hi kienet infurmat li dawn il-persuni li hi kienet tajba sabiex terga' tidhol ghax-xoghol. Ir-rikorrenti wara li kienet ikkonsultat kemm, ma' Tissue Viability Unit, kemm mat-tabib taghha, certu Dr. Christopher Mercieca (GP), u kif ukoll mall-infermiera, dawn ilkoll kienu qablu li kienet tajba sabiex tidhol xoghol. In oltre, l-apparat ossia l-magna li kellha mqabbda maghha kienet tnehhiet. Dan kollu r-rikorrenti kienet qalitu lit-tabib tas-socjeta` ntimata, Dr. Tonna[43].

Ir-rikorrenti kienet uriet li dan it-tabib, Dr. Tonna, t-testijiet tad-demm taghha, c-certifikat li kienet tajba ghax-xoghol, u dan it-tabib kien qal lir-rikorrenti biex tibqa' gimgha ohra bis-*sick*

---

[41] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[42] Seduta 31 ta' Ottubru 2017, xiehda ta' Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[43] Ibid, pagna 11 tat-traskrizzjoni.

*leave*. Ir-rikorrenti sostniet li kienet irciviet telefonata sabiex tmur tiltaqa' ma' Maryse Gatt u dan biex tghidilha li kienu se jibdlu xi affarijiet fuq il-post tax-xoghol. Kien hawnhekk li r-rikorrenti kienet offruta dan il-kuntratt fuq bazi *part-time*.

Ir-rikorrenti rrilevat li Maryse Gatt qaltilha li ma setghux jiggarantixxu xejn (*we're not in a position biex noffruwlek full-time issa…. I cannot guarantee*). Ir-rikorrenti sostniet li baqghet tisma' biss dak li kienet qieghda tghidliha Maryse Gatt. Ir-rikorrenti qalet li s-socjeta` ntimata kienet dahlet nies ohra sakemm hi kienet qieghda barra, u dan peress li kienu mhabbtin hafna.

Ir-rikorrenti sostniet li hi kienet irciviet *email* b'dan il-kuntratt fuq inidrizz elettroniku li kien ilha ma tuzah. Ir-rikorrenti sahqet li kienet inghatat kopja (*hard copy*) ta' dan il-kuntratt meta kienet dahlet ghax-xoghol, u li qatt ma kienet iffirmat. Ir-rikorrenti qalet li kienet dahlet ghax-xoghol fil-11 ta' Novembru 2013.

Ir-rikorrenti kompliet tixhed billi qalet li meta rritornat ghax-xoghol kellha ndikazzjoni li kienet se tahdem nofs ta' nhari biss ghall-ewwel. Meta r-rikorrenti rat il-kuntratt irrejalizzat li hi kienet se tahdem *part-time* b'mod permanenti. Dan kien fil-11 ta' Novembru 2013.

Ir-rikorrenti, Ms. Madiona, kkonfermat li kienet tkellmet personalment ma' ufficjal tad-DIER, certa, Mariella Grixti, u din qaltilha li dan kollu kienu illegali u li ma setax isir. Ir-rikorrenti qalet li hi riedet li tiddiskuti dan il-kuntratt mar-ragel taghha. Ir-rikorrenti tkompli billi tghid li meta marret lura x-xoghol hi riedet tkellem lil Luisa Sammut u dan peress li kellha ndikazzjoni li din is-sitwazzjoni kienet se tkun xi haga provisorja ghall-ewwel gimgha jew ftit aktar, izda l-kuntratt kien jghid differenti, u cioe` li kien aktar konkret. Ir-rikorrenti tishaq li ma ffirmatx dan il-kuntratt peress li ma riditx titlef id-drittijiet taghha bhala mpjegata a bazi *full-time*.

Ir-rikorrenti sostniet li Luisa Sammut meta hi kienet qaltilha li ma kinietx se tiffirma l-kuntratt, Luisa wegbitha li kieku kienet taf ma kinietx thalliha tidhol mill-bieb ta' barra. Dan kollu sehh il-Hamis, 14 ta' Novembru 2013. Ir-rikorrenti tghid li kellhom jitkellmu l-Hamis peress li kienet se tkun prezenti Maryse Gatt.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li meta saret taf Maryse Gatt li hi kinietx se tiffirma dan il-kuntratt ta' *part-timer*, irrabajt hafna. Ms. Madiona tghid li kellha toqghod f'kamra wahidha maqtugha mill-kumplament tal-impejagti l-ohra tas-socjeta` ntimata. Tghid ukoll, ir-rikorrenti, li kienu gew ibblokkjati l-*emails*, u dan ghax irciviet erba' *emails* biss meta qabel kienu jidhlu hafna aktar fuq erba' ndirizzi tal-*email* differenti. Ir-rikorrenti sostniet li kienet trattatha daqs wahda li kellha l-pesta.

Ir-rikorenti tkompli tixhed billi sostniet li meta kienet tmur tkellem lil xi hadd kienu jaghlqulha l-bieb f'wiccha, s-seftura kienet tmur tnaddaf bil-wipes il-manki (*handles*), u li kulhadd kien ihares il-kontra u hadd ma jhares f'ghajnejjha. Ir-rikorrenti tghid li kienet infurmatha li giet sospiza permezz ta' *sms* u marret id-DIER sabiex tinforma ruhha dwar id-drittijiet taghha. Dan kien wara li saret laqgha il-Hamis wara nofsinhar. Ir-rikorrenti tghid li regghet marret id-DIER il-Gimgha

sabiex timla xi formoli u kienet infurmatha li kien se jmur spettur mid-Dipartiment sabiex ikellem lid-dirigenti tas-socjeta` ntimata.

Ir-rikorrenti ssostni li l-gimgha ta' wara Maryse Gatt kienet qaltliha biex tmur sabiex jitkellmu fejn ir-rikorrenti insistiet li tiehu xogholha lura, u cioe` ta' *full-time*. Maryse Gatt baqghet tinsisti li r-rikorrenti tiffirma l-kuntratt ta' *part-timer* u r-rikorrenti baqghet tirrifjuta li tiffirmah. Fl-20 ta' Novemebru 2013 ir-rikorrenti irciviet email fejn giet infurmatha li kienet tkecciet. F'dan il-perjodu kollu r-rikorrenti tghid li ma kellha l-ebda problema ta' sahha.

Ir-rikorrenti tghid li l-ispettur tad-Dipartiment (DIER), Antione Grech, kien infurmaha li s-socjeta` ntimata ma setghetx taghmel dan. Ir-rikorrenti kienet tkellmet ma' dan l-ispettur wara li kellha din l-imsemmija laqgha fejn giet mitluba li tiffirma l-kuntratt ta' *part-time*. Dan l-ispettur kien gia mar fl-ufficcini tas-socjeta` ntimata fejn kien tkellem mad-dirigenti tas-socjeta` ntimata dwar il-kaz tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li kienet thallset bl-erba' sighat xoghol kuljum u dan meta hi qatt ma ffirmat kuntratt ta' *part-timer*. Ir-rikorrenti sostniet li legalment hi kienet impjegata mas-socjeta` ntimata bhala *full-timer*[44].

Ix-xhud spejgat ukoll li qatt ma kienet inghatat raguni ghaliex kienet giet sospiza mix-xoghol. Fl-*email* tal-20 ta' Novembru 2013 kien hemm biss li "*reason beyond our control*" (*sic*) sostniet ir-rikorrenti, u li kienet ukoll ir-raguni li kien hemm fil-formola tat-terminazzjoni mill-impjieg.

Fl-istess seduta (31 t'Ottubru 2017) ir-rikorrenti sarilha l-kontro-ezami mir-rapprezentant tas-socjeta` ntimata, l-avukat Paul Gonzi. Ir-rikorrenti ghad-domanda dwar meta hi marret ghax-xoghol bil-magna maghha, fejn il-kliem ta' Maryse Gatt kien fil-kuntest ta' sahhet l-istess rikorrenti, r-rikorrenti wiegbet li l-lingwagg tal-gisem (*body language*) ta' Maryse Gatt kien jghid kollox. Fil-fatt Maryse Gatt ma kienet semmiet xejn lir-rikorrenti li kien se jigrilha xi haga fuq ix-xoghol.

Dwar meta kienet cemplet Luisa Sammut lir-rikorrenti, u dan meta kienet qieghda ghall-vista l-isptar, fejn irrabjat maghha meta qaltilha li ma kinietx se tidhol it-Tnejn, ir-rikorrenti wiegbet li fl-affermattiv. Ir-rikorrenti sostniet li Luisa Sammut tant kienet urtata b'dak li kienet qaltilha li kienet cemplet lill-ommha, Maryse Gatt, u li din qaltilha sabiex jiltaqghu d-dar taghha, kif fil-fatt kienu ghamlu. Ir-rikorrenti regghet semmiet li kienet baqghet fil-karozza, u dan ghax kienet fi stat ta' xokk.

Ir-rikorrenti semmiet l-episodju ta' meta zewgha kien tkellem ma' Maryse Gatt u dan meta l-istess Maryse Gatt kienet qaltilha sabiex f'nofsinhar, il-Hamis meta kellha l-laqgha maghha. Zewgha kien qal lil Maryse Gatt li ma kinietx qiegdha taghmel sew, u li setghu jcemplu lid-DIER. Ir-rikorrenti nnegat li zewgha kien ghajjat ma' Maryse Gatt. Dwar l-*email* li permezz taghha kien intbaghat il-kuntratt ta' *part-time*, r-rikorrenti kkonfermat li din l-*email* ma kinietx ratha peress li

[44] Seduta 31 ta' Ottubru 2017, xiehda ta' Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 16 tat-traskrizzjoni.

dak l-*email* ma kinietx tuzah, u lanqas ma kienet ghadha tiftakar il-*password* taghha. Il-kuntratt kien inghatalha t-Tnejn filghodu kif dahlet ghax-xoghol, sostniet ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti baqghet isostni li Maryse Gatt ma setghet tiggarantilha xejn dwar jekk kinietx se terga' tkompli *full-time*.

Fis-seduta tal-12 ta' Gunju 2018, ir-rikorrenti kompliet tixhed in ezami u in kontro-ezami fejn spjegat id-dokument li pprezentat fl-istess seduta. Uhud minn dawn id-dokumenti kienu gia gew esebiti mis-socjeta` ntimata. Dawn id-dokumenti li gew esebiti mir-rikorrenti huma Dok. 'DB1', Dok. 'DB2' u Dok. 'DB3'. Ix-xhud wiegbet li l-*email*, u cioe` Dok. 'DB1', ma kinietx ircivietha fejn maghha kien hemm anness l-abbozz tal-kuntratt fejn ir-rikorrenti kellha tahdem b'sighat inqas. Ir-rikorrenti sostniet li l-abbozz tal-kuntratt kien inghatalha t-Tnejn meta dahlet ghax-xoghol. Ix-xhud sostniet li ma kinitex tiftakar jekk kinitex irciviet din l-*email*.

Dwar dak li kien qallha t-tabib tas-socjeta` ntimata, u cioe` li ma tistax tkecciha, r-rikorrenti wiegbet li tiftakar li kien qallha xi haga simili pero` ma tiftakarx ezatt meta kien qallha hekk. Ir-rikorrenti sostniet li kienet insistiet mat-tabib tas-socjeta` ntimata sabiex jghid lil Maryse Gatt li l-magna li kellha maghha kienet biex tnixxef il-gilda u ma kinietx ta' periklu ghal hadd. Ir-rikorrenti wiegbet li minghaliha li sad-data li kien imur t-tabib ghandha ma kinietx saret id-diskussjoni sabiex tidhol xoghol b'sighat ridotti[45].

Ir-rikorrenti spjegat li kien sar certifikat mediku (Dok. 'DB3') minn Dr. Mercieca M.D, datat 7 ta' Novembru 2013, li jiccertifika li r-rikorrenti kienet tajba sabiex tirritorna ghax-xoghol. Ir-rikorrenti rrispondiet li ma kinietx tiftakar li t-tabib tas-socjeta` ntimata kien infurmaha li ma kinietx tajba sabiex tirritorna x-xoghol sal-4 ta' Novembru 2013.

Ir-rikorrenti spjegat li kienet saret laqgha ma' Maryse Gatt fis-6 ta' Novembru 2013 u dan wara li t-tabib tas-socjeta` ntimata kien sostna li r-rikorrenti ma kinitx tajba sabiex tirritorna ghax-xoghol fl-4 ta' Novembru 2013. Ir-rikorrenti spjegat li f'din il-laqgha Maryse Gatt qaltilha li jkun ahjar li ma tahdimx tmien (8) sighat shah ta' xoghol. F'din il-laqgha m kinietx saret referenza li hi taqa' *part-time* jew li jinbidlu xi kundizzjonjiet tax-xoghol taghha. Kien ghalhekk, sostniet ir-rikorrenti li qablet ma' din il-proposta ta' Maryse Gatt. Il-kuntratt gie pprezentat wara li r-rikorrenti qablet ma' din il-modalita` ta' hinjiet tax-xoghol taghha[46].

Ir-rikorrenti kkonfermat li kienet hadmet erbat ijiem b'sighat inqas, u li wara dawn l-erbat ijiem kienet talbet data meta kienet se terga` tkompli *full-time*. Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll li Ms. Gatt ma kinietx disposta li taghtiha garanzija meta kienet se terga' tigi *full-time*, u li kienet uzat il-kliem "*I do not have a crystal ball*"[47].

---

[45] Seduta tat-12 ta' Gunju 2018, xiehda ta' Deborah Anne sive, Debbie Madiona, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[46] Seduta tat-12 ta' Gunju 2018, xiehda ta' Deborah Anne sive, Debbie Madiona, pagna 13 tat-traskrizzjoni.
[47] Ibid, pagna 15.

Ir-rikorrenti kompliet tixhed billi sostniet li dejjem insistiet li tkun *full-time* ma' Maryse Gatt. Dan fil-laqgha li kienet saret il-Hamis u dan kien ukoll meta zewgha kien mar maghha. Dwar l-*email* datata l-14 ta' Novembru 2013, ir-rikorrenti qalet li ma kinietx tiftakar li kienet wegbitha.

Din l-*email* kienet tghid li s-socjeta` ntimata ma kinietx qieghda tittermina l-impjieg taghha izda kienet qieghda toffrilha sabiex tahdem erba' sighat minflok tmien sighat, u dan minhabba sahhitha. Kien minn din id-data li r-rikorrenti kienet marret id-DIER u kif ukoll ghand l-avukat taghha. In oltre, r-rikorrenti, sostniet li qatt ma kellha ftehim la verbali u lanqas bil-miktub li kienet se taqleb *part-time.* Maryse Gatt kienet qaltlilha biss b'sighat imnaqqsa[48].

Fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2013 xehed is-sur Brandon Lee Magri fejn ipprezenta dokument, li gie mmarkat Dok. 'BLM', u cioe` l-fajl tar-rikorrenti. Fix-xiehda tieghu dan ix-xhud qal li c-cekk li hemm esebit fil-fajl u li hu datat 27 ta' Jannar 2014, fl-ammont ta' €233.92c, kien il-hlas lir-rikorrenti tas-sighat li hadmet mill-11 ta' Novembru 2013 sal-20 ta' Novembru 2013, u li b'kollox kien hemm 32 siegha ta' xoghol. Dan il-hlas kien ghar-rimanenti sighat mhux imhallsa biex ikopru s-sighat shah (*full-time*) ghal 32 siegha bir-rata ta' €7.31c is-siegha, u dan skont kif kien hemm imnizzel f'dan il-fajl[49].

L-ilment li kellu d-dipartiment, sostna dan ix-xhud kien li s-socjeta` ntimata kienet qalbet is-sieghat ta' xoghol tar-rikorrenti. In oltre, dan ix-xhud spjega li l-ispettur tad-Dipartiment, u cioe`, Antione Grech ma kienx ghadu jahdem mad-Dipartiment u kien qieghed jixhed fuq dak li kien hemm fil-fajl.

Fl-istess seduta kompliet tixhed in kontro-ezami r-rikorrernti, fejn qalet li kinietx tiftakar li kienet irciviet il-kuntratt propost permezz ta' *email* u li kellu l-*letter head* u *water mark*, u li dan il-kuntratt kien differenti minn dak li pprezentat hi minhabba li ma kellux din il-*water mark*. Il-kuntratt kif kienet gia wiegbet qabel, ir-rikorrenti wiegbet l-istess haga f'din is-seduta, fejn ikkonfermat li dan il-kuntratt kienet inghatalha fizikament dakinhar li dahlet lura ghax-xoghol. Wara li l-ispettur tad-DIER kien mar ikellem lis-socjeta` ntimata, Maryse Gatt kienet riedet li jergghu jitkellmu dwar dan kollu, r-rikorrenti wiegbet li kienu kellmuha biex tiffirmha l-kuntratt (*part-time*). Ir-rikorrenti spjegat li Antoine Grech kien qara dan il-kuntratt u kien qallha sabiex ma tiffirmax.

Ir-rikorrenti sahqet li minn dak li kienet tiftakar kien li keinet irciviet sms minghand is-socjeta` ntimata fejn kien jghid kienet sospiza mix-xoghol. Ir-rikorrenti kompliet twiegeb fejn ikkonfermat dak li qalet fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn l-*istaff* kien jiddejjaq minnha ghax kienet trattata daqs li kieku kellha l-pesta (*treated as though you had the plague*). Ir-rikorrenti semmiet xi

---

[48] Ibid , pagna 18 tat-traskrizzjoni.
[49] Seduta 23 ta' Ottubru 2018, xiehda ta' Brandon Lee Magri, Maniger fid-DIER.

haddiema li mill-lingwagg tal-gisem kien jidher car li kienu qeghdin jiddejqu minnha. Dan kien f'dawk l-erbat ijiem li r-rikorrenti kienet dahlet tahdem b' sighat ridotti.[50].

Ir-rikorrenti semmiet li s-seftura certa, Gina Micallef, kienet tmur bil-*wipes* fil-kamra li kienet fiha hi, u kienet qaltilha li l-affarijiet taghha kienu harguhom u kienu qeghdin go borsa li kienet qieghda zzomm. Ir-rikorrenti kkonfermat li kienet hadet is-sick leave kollu li kellha u kif ukoll xi leave mingahjr hlas. Ir-rikorrenti kkonfermat li qabel kellha ukoll *deep thrombosis* u xi problemi medici ohra izda qatt ma kienu problema.

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjoni finali ta' din il-kwistjoni ta' xoghol saret fis-seduta tad-9 t'April 2019, fejn beda it-trattazzjoni l-avukat Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti, Deborah Anne, sive Debbie Madiona. Ir-rapprezentant legali tar-rikorrenti beda t-trattazzjoni tieghu billi rrimarka li r-rikorrenti tkecciet fil-mument meta hi rrifjutat li tiffirma kuntratt *part-time*, meta r-rikorrenti kellha kuntratt indefinit. Dan il-kuntratt part-time kien propost mis-socjeta` ntimata peress li r-rikorrenti kienet ghamlet perjodu ma tidholx ix-xoghol minhabba sitwazzjonijiet medici.

Id-difensur tar-rikorrenti jaghmel referenza ghal dak li hemm riportat fil-fajl tad-DIER, ossia li "*she was paid part-time hours but employee never agreed to work on such hours and refused to sign contract, employee is claiming difference in hours to cover the full-time hours*[51]."

L-avukat Spiteri Bailey issottometta li kien qieghed jaghmel accenn ghal dak riportat fl-ilment tar-rikorrenti, u li hu mnizzel fil-fajl tad-Dipartiment (DIER), u dan peress li fil-kamp kriminali din tintuza a *tempo vergine*, ossia li dak li gie riportat gie riportat, f'dan il-kaz, dak li stqarret ir-rikorrenti fil-mument opportun li ghamlet ir-rapport u li kien fis-16 ta' Dicembru 2013.

Fit-trattazzjoni tieghu r-rapprezentant legali tar-rikorrenti sostna li dan it-Tribunal ghandu jaghti piz lil dan id-dokument u dan peress li sa minn persuna indipendenti ghall-kwistjoni ta' bejn iz-zewg kontendenti. It-terminazzjoni tar-rikorrenti sehhet peress li din kienet irrifjutat li tiffirma dan il-kuntratt offrut lilha ta' *part-time*, sostna d-difensur tar-rikorrenti.

In oltre, l-istess rapprezentant legali ssottometta li t-Tribunal irid jara f'dak il-mument tad-decizjoni ta' tkeccija jew twaqqif tal-impjieg u jekk kemm-il darba dan jikkostitwixxi tkeccija gusta skont it-termini tal-ligi.

Fit-trattazzjoni tieghu Dottor Spiteri Bailey jaghmel referenza ghall-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti datata 20 ta' Novembru 2013, u ffirmatha min Maryse Gatt, fejn din l-ittra hemm imnizzel li t-terminazzjoni tar-rikorrenti sehhet minhabba li kien gia saru komunikazzjoniet

[50] Seduta 23 ta' Ottubru 2018, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti, Deborah Anne, sive Debbie Madiona, pagna 12 tat-traskrizzjoni.
[51] Trattazzjoni finali tal-avukat Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

bejn il-partijiet u ghalhekk f’din l-ittra hemm riportat ‘*as explained already*’, u dan sabiex jitjiebu l-affarijiet ta’ sahhet ir-rikorrenti, b’referenza ghall-kuntrattt *part-time*.

Fit-tratazzjoni ssir referenza ghall-fatt li f’dan il-kuntratt ma kien hemm ebda perjodu stipulat jew durata kemm kien se jdum dan il-kuntratt ta’ *part-time* u li wara dak il-perjodu stipulat r-rikorrenti kienet terga’ tigi b’impjieg *full-time*. Id-difensur tar-rikorrenti sahaq li kien legittimu li r-rikorrenti ma tiffirmax dan il-kuntratt offrut lilha ta’ *part-time*, u dan peress li dan il-kuntratt ma kien jistipula xejn bhala perjodu ta’ kemm kienet se ddum tahdem *part-time*.

In oltre, r-rapprezentant legali jibbaza l-argumenti tieghu fuq il-fatt li din it-tkeccija tar-rikorrenti kienet saret gialadarba din ma ffirmatx dan il-kuntratt, f’liema kuntratt ma kien hemm xejn li jindika li din kienet mizura temporanja, ossia d-durata ta’ zmien ta’ dan il-kuntratt *part-time*, s-socjeta` ntimata tterminat l-impieg tar-rikorrenti.

Issir ukoll referenza ghall-fatt li min ihaddem ossia, l-principal ma jista’ qatt jimponi fuq impjegat li jkun impjegat *full-time* biex jaqleb ghal *part-time*. Id-difensur tar-rikorrenti jsostni li hemm diversi Avvizi Legali fuq dawn l-istanti[52].

Fit-trattazzjoni tar-rikorrenti hemm referenzi ukoll ghall-partijiet mill-ittra ta’ terminazzjoni fejn s-socjeta` ntimata tiggustifika r-ragunijiet taghha ghal din it-terminazzjoni. Fost dawn il-gustifikazzjonjiet hemm il-fatt li r-rikorrenti minhabba zmien twil ta’ assentizmu mill-post xoghol u kif ukoll li ma pprezentatx certifikati medici li jiccertifikaw li ma kinietx tajba biex tidhol ghax-xoghol, l-avukat tar-rikorrenti jissottometti li r-rikorrenti pprezentat dokumentazzjoni medika u kif ukoll li kienu l-istess dirigenti tas-socjeta` ntimata li kienu talbuha sabiex tirritorna ghad-dar minhabba li ma kinitex tajba ghax-xoghol.

In oltre, gie sottomess li dan ma jfissirx li ghax impjegat ikun ma jiflahx il-principal ghandu jkecci li dak l-impjegat. L-istess avukat difensur jaghmel referenza ghal dik il-parti tal-ittra ta’ terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, fejn is-socjeta` ntimata tiggustifika din it-terminazzjoni billi tghid li r-rikorrenti baqghet tippersisti li tirrifjuta li tiffirma l-kuntratt, u dan a bazi tal-ftehim verbali li kien intlahaq matul il-laqgha tas-6 ta’ Novembru 2013 u dan sabiex ir-rikorrenti tahdem inqas sighat ta’ xoghol u aktar flessibbli minhabba l-kundizzjoni ta’ sahhitha.

Hawn l-avukat difensur jissottometti li d-dicitura hija mibdula, u dan peress li r-rikorrenti kienet impjegata *full-time*, u li kien gia sar accenn li r-rikorrenti ma ffirmatx peress li ma kien gie rifless xejn fil-kitba a kwantu ta’ durata ta’ kemm kienet se ddum b’dan il-kuntratt ta’ *part-time*.

Dottor Spiteri Bailey ghar-rikorrenti jaghmel referenza ghal dik il-parti tal-ittra ta’ terminazzjoni fejn is-socjeta` ntimata tghid li meta r-rikorrenti rritornat ghax-xoghol din bdiet tilmenta fuq il-kollegi taghha, li riedet lura l-iskrivanija taghha, u kif ukoll li riedet li terga’ tmur fl-ufficcju li kienet tahdem minnu qabel. Dwar dawn l-istanti d-difensur tar-rikorrenti jissottometti li huwa normali

[52] Trattazzjoni finali tal-avukat Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

li min ikun ilu barra mill-post tax-xoghol jsib xi tibdil, izda mill-banda ma hijiex raguni tajba li ghax jilmenta jigi tterminat mill-impjieg[53].

Raguni ohra li tat is-socjeta` ntimata, u li wkoll l-avukat tar-rikorrenti jaghmel accenn ghaliha fit-trattazzjoni tieghu, huwa l-fatt li r-rikorrenti ma talbitx skuza ghal dak li kien ghamel zewgha u cioe` meta dan kien dahal fl-ufficcju ta' Maryse Gatt u beda jakkuza lill-istess Maryse Gatt. L-avukat tar-rikorrenti jissottometti li jekk xi qarib ta' xi mpjegat jaghmel xi haga ma ghandux ikun dak l-impjegat li jirrispondi ghall-ghemil tal-qarib tieghu u ghax dak l-impjegat ma jiskuzax ruhu dan jigi mkecci mill-impjieg, zgur li din mhijiex raguni tajba ghat-terminazzjoni mill-impjieg, sostna d-difensur tar-rikorrenti.

It-Trattazzjoni inghalqet billi r-rapprezentant legali tar-rikorrenti sostna li ma ghandux ikun iggustifikat il-fatt li ghax impjegat ikun uza s-*sick leave* tieghu, minhabba mard, ghandhom jinbidlu l-kundizzjonjijet tax-xoghol, fejn minn *full-time* taqa' *part-time*. Tajjeb li jkun hemm diskussjonjiet bejn il-partijiet izda ma ghandux ikun impost fuq dak l-impjegat kundizzjonjiet li hu/hi ma tkunx qablet dwarhom, ghalaq it-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tar-rikorrenti[54].

L-avukat Paul Gonzi ghas-socjeta` ntimata beda t-trattazzjoni billi rrimarka li l-ittra ta' terminazzjoni trid tinqara f'interita` taghha u mhux sentenza, sentenza. Il-legali tas-socjeta` ntimata sahaq li din l-ittra meta tinqara shiha taghtik ic-cirkostanzi kollha li s-socjeta` ntimata, ossia l-principal, x'kellha f'mohhha fil-mument tat-terminazzjoni.

In oltre, din it-terminazzjoni giet registrata mall-*Jobs Plus*, u li f'dak il-perjodu kienet maghrufa bhala E.T.C., bhala "*circumstances beyond the employer's control*", u dan kien peress li kien hemm cirkostanzi li kienu ilhom li sehhew xhur qabel. Dan kien ghall-fat li s-socjeta` ntimata kellha evidenza li r-rikorrenti ma ma kinietx tajba fizikament li tirritorna ghax-xoghol.

Ir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata sostna li dak li kien gie propost lir-rikorrenti kien abbozz ta' kuntratt (*draft contract*) u li kien miftuh ghad-diskussjonjiet, u mhux li tahdem *part-time* b'mod indefinit, kif gie allegat mir-rikorrenti. Is-socjeta` ntimata kienet zammet laqgha fis-6 ta' Novembru 2013 fejn kien gie diskuss x'tip ta' soluzzjoni tista' tinstab sabiex ir-rikorrenti tahdem b'mod flessibbli u dan minhabba sahhitha. In oltre, ssottometta l-avukat difensur tas-socjeta` ntimata, li l-istess rikorrenti kienet qablet li tahdem b'dan il-mod. Illi fl-imsemmi abbozz ma jistipula xejn dwar xoghol *part-time* izda r-rikorrenti kienet riedet li jkollha data ta' meta kienet se terga' tkompli *full-time*.

Maryse Gatt kienet qalet lir-rikorrenti li ma kellhiex ballun tal-kristall (*crystal ball*) li setghet tghidlha meta kienet se terga' tigi *full-time*, u dan il-kliem kien ikkonfermat ukoll mir-rikorrenti sahaq l-avukat Gonzi.

---

[53] Trattazzjoni finali tal-avukat Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[54] Ibid, pagna 4 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrenti kienet ntalbet sabiex tikkonsidra dan il-kuntratt u mhux kien kien impost fuqha, dan kien biss abbozz u mhux kuntratt lest li riedet tiffirma, jekk le kienet titkecca. Ir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata sostna li r-rikorrenti kienet dahlet ghax-xoghol u hadmet b'dan il-mod ta' sighat flessibbli ghall-tlett ijiem. Fil-11 ta' Novembru 2013 r-rikorrenti ma dahlitx ghax-xoghol u dan ghax r-rikorrenti sostniet li s-socjeta` ntimata kienet qieghda timponi fuqha sabiex tahdem b'dik il-modalita`, u dan wara li kienet gia rciviet l-abbozz dwar dak li kienu tkellmu fuqu.

L-avukat difensur tas-socjeta` ntimata jissottometti li l-kaz ta' meta r-ragel tar-rikorrenti kien dahal jargumenta ma' Maryse Gatt quddiem l-impjegati l-ohra jrid jittiehed fil-kuntest kollu, u ta' dan il-kaz in dezamina. Hawn jissemma' l-fatt kemm is-socjeta` ntimata kienet hadet bis-serjeta` l-kaz tar-rikorrenti u dan wara l-problemi ta' sahha li kienet ghaddiet minnhom. L-avukat tas-socjeta' ntimata jsemmi kemm Maryse Gatt u kemm bintha kienu marru jzuru lir-rikorrenti l-isptar u kif ukoll li kien hemm malintiz dwar it-telefonata li kienet saret minn bint Maryse Gatt lir-rikorrenti[55].

Fit-trattazzjoni tas-socjeta` ntimata ssir referenza ghal meta l-partijiet kienu ltaqghu fid-dar ta' Maryse Gatt, izda r-rikorrenti kienet baqghet fil-karozza u l-istess Maryse Gatt kienet harget tkellimha barra, u dan peress li l-istess rikorrenti kienet fi stat ta' sahha hazin. In oltre, l-istess Maryse Gatt kienet baghtet lit-tabib tas-socjeta` ntimata sabiex jivverifika dwar is-sahhet ir-rikorrenti u kien l-istess tabib li kien iccertifika li r-rikorrenti ma kinietx tajba ghax-xoghol.

L-avukat tas-socjeta` ntimata sostna li l-pozizzjoni tar-rikorrenti kienet se tigi kkunsidrata, u dan gialadraba din tkun iccertifikata tajba ghax-xoghol u din minn dejjem kienet l-intenzjoni tas-socjeta` ntimata.  Is-socjeta` ntimata kienet weghdet lir-rikorrenti li hekk kif tkun tajba hi kienet terga' tkompli tahdem *full-time*. Fit-trattazzjoni ssir referenza ghal meta Maryse Gatt kienet riedet li tiltaqa' mar-rikorrenti s-Sibt u r-rikorrenti kienet irrifjutat li tiltaqa' maghha u dan ghax kienet indisposta.

Fit-18 ta' Novembru 2013 Maryse Gatt kienet regghet talbet lir-rikorrenti tikkunsidra sabiex tiffirma l-kuntratt propost fejn ir-rikorrenti kienet qaltiha li kienet se tahsibha. Wara din id-data (18 ta' Novembru 2013) ma kien instema' xejn aktar mir-rikorrenti. Fit-trattazzjoni tas-socjeta` ntimata ssir ukoll referenza ghal dak li hemm riportat fil-fajl tad-DIER, u cioe` dwar l-incident tar-ragel tar-rikorrenti, u li dakinhar kienet intbaghtet d-dar. F'dan ir-rapport hemm imnizzel li peress li s-socjeta` ntimata ma kellhiex ftehiem kollettiv (C*ollective Agreement*) ma setghetx tissospendiha minghajr ma thallasaha. Dan ma jfissirx li DIER kien ikkumenta dwar il-mertu ta' din il-kwistjoni bejn iz-zewg partijiet, sostna l-avukat difensur tas-socjeta` ntimata. In oltre, tenut kont ta' dak li gara, kompla d-difensur tas-socjeta` ntimata, t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta u sufficjenti fil-ligi[56].

---

[55] Trattazzjoni finali tal-avukat Paul Gonzi ghas-socjeta` ntimata, pagna 7 tat-traskrizzjoni
[56] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

L-avukat Spiteri Bailey irribatta ghal dak li ssottomettiet s-socjeta ntimata billi qal li kienu jaqblu dwar ir-rapport tad-DIER, izda l-prova hi x'rapport kienet ghamlet dakinhar dak iz-zmien u dak il-hin ir-rikorrenti. Dwar il-*buona fede* tas-socjeta` ntimata, gie sottomess ulterjorment li ghalkemm kien hemm qbil f'dan is-sens x'kien zamm lis-socjeta` ntimata milli ddahhal id-dikjarazzjoni fil-kuntratt, ossia li kienet tigi nkluza l-klawsola tad-durata li r-rikorrenti kienet se ddum tahdem bil-mod propost ta' *part-time*[57].

It-trattazzjoni inghalqet billi z-zewg rapprezentanti legali rribattew l-argumenti ta' xulxin dwar ir-rapport li sar mir-rikorrenti lid-DIER. Dottor Gonzi sostna li wara li hadmet tlett (*sic*) ijiem ir-rikorrenti ghamlet ir-rapport u l-ghaliex ir-rikorrenti ma nsistitiex mill-ewwel li riedet tahdem *full-time*. Mill-banda l-ohra Dottor Spiteri Bailey sahaq li r-rikorrenti mill-bidu baqghet tghid li ma ridietx li jinbidel l-*istatus* taghha, u cioe` minn *full-timer* ghal *part-timer*[58].

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn is-socjeta` ntimata, Education Limited, riedet li mpjegata minn taghha, ossia r-rikorrenti Deborah Anne, sive Debbie Madiona tibda tahdem b'format ta' sighat ridotti u dan peress li l-istess rikorrenti kienet ghamlet perjodu ma tidholx ghax-xoghol minhabba problemi ta' sahha.

Illi mix-xhieda prodotti u l-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti ghaddiet minn perjodu xejn felici ghaliha, u dan peress li kellha tidhol diversi drabi l-isptar minhabba problemi ta' sahha li kellha. Din is-sitwazzjoni holqot problemi lis-socjeta` ntimata fl-operat taghha, specjalment fil-perjodu fejn ix-xoghol ikun fl-aqwa stagun (*peak season*) u dan peress li x-xoghol tar-rikorrenti kellu jibda jsir minn impjegati ohra.

Illi jirrizulta ukoll mill-provi prodotti li r-rikorrenti minhabba problema ta' nfezzjoni li kellha fil-punti, u dan b'rizultat ta' operazzjoni li kienet ghamlet, ir-rikorrenti kellha ggorr maghha magna (*VAC machine*) li kienet imqabbda maghha. Din is-sitwazzjoni ma nizlet xejn sew mas-socjeta` ntimata u dan peress li kien hemm impjegati ohra li ma hassewhomx komdi bil-prezenza tar-rikorrenti b'din il-magna mqabbda maghha.

Is-socjeta` ntimata meta rat hekk hasset il-bzonn li r-rikorrenti taqleb il-hin tax-xoghol taghha b'sighat ridotti u kif ukoll kienet trasferit lir-rikorrenti f'ufficcju iehor minn dak li kellha qabel, u li kien izolat.  Ir-rikorrenti ma kinietx hassitha komda b'din is-sitwazzjoni, la li tahdem b'sighat ridotti u li tahdem minn go ufficcju differenti ghal dak li kellha, u kif ukoll li l-impjegati kienu bdew jevitawha.

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta` ntimata b'kuntratt indefinit u kienet ilha mpjegata mas-socjeta` ntimata mill-1 ta' Jannar 2007, l-ewwel bhala *Reservations Clerk*, u sussegwentment mill-14 t'Ottubru 2008 bhala *Direct Marketing Executive* fuq bazi *full-*

[57] Trattazzjoni ulterjuri tal-avukat Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti, pagna 9 tat-traskrizzjoni
[58] Ibid pagna 9 tat-traskrizzjoni.

*time* mas-socjeta` ntimata[59]. Illi ghall-fatt li s-socjeta` ntimata kienet insistiet li r-rikorrenti ghandha tiffirma kuntratt b'inqas sighat ta' xoghol, f'dan ir-rigward tajjeb li jigi ritenut li skont l-proviso ta' artikolu 33 tal-Kap 452 din is-sitwazzjoni ma tistax issir. L-proviso ta' artikolu 33 jistipula s-segwenti:-

> Iżda wkoll minkejja kull ftehim kuntrarju, kuntratt ta' servizz għal perjodu indefinit ma għandux jinbidel f'kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss fejn ma jkunx hemm bidla sostanzjali fix-xogħol tal-impjegat jew fil-kategorija tiegħu u kull ftehim li jkollu dan l-effett għandu jkun null u bla effett u l-kuntratt ta xogħol għandu jitqies għal kull fini u għan tal-liġi bħala wieħed li baqa' indefinit[60].

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li s-socjeta` ntimata riedet li r-rikorrenti tibda tahdem b'sighat ridotti u kienet provdiet abbozz ta' kuntratt li kien jitratta propju din il-modalita` ta' xoghol. Illi in oltre, jirrizulta bl-aktar mod car li s-socjeta` ntimata ma stipulat l-ebda klawsola li kienet tispecifika xi perjodu kemm ir-rikorrenti kienet se ddum tahdem b'dan it-tip ta' kuntratt. Dan johrog car min 'App MG. 7', ossia d-dokument esebit minn Maryse Gatt, id-direttrici tas-socjeta` ntimata, Education Limited, fl-affidavit taghha stess. Fi klawsola numru 2 ta' dan l-abbozz jirrizulta car li l-intenzjoni tas-socjeta` ntimata kienet li r-rikorrenti tibda tahdem b'mod ta' "*flexible part time basis*". Illi din il-klawsola fl-intier taghha tghid:

> "The employee shall be employed on a flexible part time basis. The contractual period of this employment commences on the 11th November 2013".

Illi jirrizulta ukoll mill-provi li r-rikorrenti dejjem irrifjutat li tiffirma dan il-kuntratt u dan peress li hi kienet riedet li jkun hemm terminu ghal dan il-kuntratt, u cioe` perjodu kemm kienet se ddum tahdem b' din il-modalita` ta' "*flexible part time basis*". In oltre, johrog car ukoll mill-provi li s-socjeta` ntimata ma kinietx disposta li taghti terminu ghal dan il-kuntratt offrut lir-rikorrenti. Kif hareg car mill-provi, u dan ma giex ikkontestat minn Maryse Gatt stante li dan huwa riportat fl-affidavit taghha stess, fejn l-istess Maryse Gatt qalet lir-rikorrenti li hi ma kellhiex "*crystal ball*" u dan b'referenza li ma kinietx tipprevedi l-futur. Fl-affidavit taghha, Maryse Gatt tghid li; "*I recall telling her very clearly that "I don't have a crystal ball" to determine the future, but it would be best to proceed on the basis and discuss at a later stage as and when appropriate*"[61].

Minn din id-dikjarazzjoni ta' Maryse Gatt dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-intenzjoni s-socjeta` ntimata kienet li jinbidel l-*istatus* tal-kuntratt ta' xoghol tar-rikorrenti, ossia li minn *full-time* taqleb ghal *part-time*. Ghalkemm is-sitwazzjoni ta' sahhet ir-rikorrenti kienet holqot certi problemi lis-socjeta` ntimata fl-operat taghha, mill-banda l-ohra din qatt ma setghet tibdel il-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' xi mpjegat minn taghha, f'dan il-kaz tar-rikorrenti. L-argument

---

[59] Dokument tal-Employment History (ETC) tar-rikorrenti anness mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti, u li hi mmarkata bhala Dok. 'A'.
[60] Proviso artikolu 33 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Realazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.
[61] Dok. 'MG', Affidavit ta' Maryse Gatt, pagna 8.

mressaq mis-socjeta` ntimata, u cioe` li kienet tara 'l quddiem x'se jigri, ma jistax jigi ritenut argument validu, u dan meta s-socjeta` ntimata kienet taf li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata maghha *full-time* mis-sena 2007.

Illi fil-kamp tal-ligi tal-impjiegi dawn it-tip ta' argumenti minn min ihaddem (Principal) mhumiex accettabbli. In oltre, fl-istess abbozz ma hemm ebda referenza li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mis-sena 2007 fuq bazi *full-time*, u li dak il-kuntratt propost kellu durata ghal tant zmien. It-Tribunal jemmen li kieku kien hemm rieda tajba da parti tas-socjeta` ntimata dan kien jigi rifless ukoll fl-imsemmi abbozz fejn kienet tigi nserita d-durata tal-perjodu ta' "*flexible part time basis*".

In oltre, r-rikorrenti, u dan kif jirrizulta mill-provi processwali, qatt ma kienet lesta li tiffirma dan il-kuntratt ta' *flexible part time basis* minghajr ma jkun hemm klawsola li kienet tistipula d-durata ta' dan il-perjodu ta' *part time*. Illi mill-insenjamenti tal-awtur Norman Selwyn nsibu li:-

> "Where an employee protests about the change, but continues with the employment, it is a question of fact in each case as to whether or not he has accepted it (albeit under protest). If an employee continues to work under revised terms and conditions, albeit under protest for a considerable length of time, it will be extremely difficult to conclude other than that he has accepted the revised terms (Henry v London General Transport Services Ltd para 3.69). In Khatri v Cooperative Raiffeisen-Boerenleenbank BA, however, a trader did not sign a varation letter presented to him by the employer, and was not pressed to do so. He continued to work for the bank. It was held that nothing in his conduct implied his acceptance of the change. The employer had purported unilaterally to change the terms of the contract, but the fact that the employee continued to work did not automatically mean acceptance which were disadvantageous to him [62]".

Illi meta dan il-bran jigi kkomparat mall-kwistjoni odjerna wiehed jinnota li r-rikorrenti hadmet dawk il-ftit jiem bhala *flexible part-time basis* taht protesta, u dejjem insistiet li tkun inserita klawsola li tistipula durata ta' dan il-perjodu ta' *flexible part-time basis* jew li terga' tigi *full-time* kif dejjem kienet f'dan l-impjieg taghha mas-socjeta` ntimata. It-Tribunal hu tal-fehma li l-kuntratt propost lir-rikorrenti zgur li kien ikun ta' zvantagg ghaliha u dan tenut kont tal-fatt li kienet se tahdem sighat inqas, b'salarju inqas li jirrifletti s-sighat ta' xoghol mahduma minnha u minghajr ebda ndikazzjoni ta' serhan il-mohh meta dan il-kuntratt kien se jigi fi tmiemu. It-Tribunal f'dan ir-rigwad jaqbel mad-decizjoni li hadet ir-rikorrenti li ma tiffirmax dan il-kuntratt kif propost.

It-Tribunal, kif gia sostna aktar 'l fuq, ghalkemm id-durata tal-assenza mill-post tax-xoghol mir-rikorrenti holqot problemi fl-operat, mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata trid tifhem li r-rikorrenti hija koperta bil-ligi statutorja tal-pajjiz, specjalment f'kaz ta' mard. Kif jirrizulta mill-provi

[62] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – p.109.

processwali l-problema medika li nqaghlet lir-rikorrenti post l-operazzjoni kienet xi haga barra l-kontroll taghha u sitwazzjoni sfortunata ghall-ahhar. Is-socjeta` ntimata ghalkemm uriet interess f'sahhet ir-rikorrenti, mill-banda l-ohra minghajr ma qieset il-konsegwenzi, fejn fuq inizjattiva taghha stess, ossia b'mod unilaterali insistiet li r-rikorrenti tibda tahdem sighat ridotti (*flexible part-time basis*), xi haga li hija pprojbita fil-ligi nostrana.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija t-Tribunal iqis li s-Socjeta` ntimata tterminat l-impieg tar-rikorrenti, Deborah Anne, sive Debbie Madiona, b'mod ingust.

## Kumpens

Illi in kwantu ghall-kumpens dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, fejn il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda jew ghaddiet minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna ukoll indikaw il-mod li ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[63].

Illi minn dak li jirrizulta mill-provi r-rikorrenti sabet impjieg iehor fit-28 ta' Jannar 2014 u ghalhekk it-Tribunal se jiehu in konisderazzjoni dak il-perjodu li r-rikorrenti ghamlet minghajr impjieg, ossia mill-20 ta' Novembru 2013 sal-imsemmija data.

Illi ghaldaqstant bhala kumpens it-Tribunal qieghed jordna lis-Socjeta` intimata, Education Limited sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) lir-rikorrenti, Deborah Anne, sive Debbie Madiona, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
Av. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[63] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.